# KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA (MCAST)

# RAPPORT TA' BORD TA' INKJESTA AI TERMINI TA' KAP. 273 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA DWAR ALLEGAZZJONIJIET FIL-KONFRONT TAL-OPERAT TAL-MCAST U TA' AĠIR SKORETT TA' ĊERTI UFFICJALI FI ĦDANU

**5 TA' MARZU 2019**


Paul Bonello (Ċermen)
Av. Phyllis Aquilina (Membru)
Antoinette Caruana (Membru)
Charles Sacco (Segretarju)


Certified True copy of Original


PAUL BONELLO FCCA MIA CPA
Certified Public Accountant
The Bastions, Office No. 2,
Emvin Cremona Street,
Floriana FRN 1281, Malta

## Tabella ta' Kontenut


| Sezzjoni | Paragrafu | Suġġett | Paġna |
|---|---|---|---|
| A | | Inkarigu | 3 |
| B | | Eżekuzzjoni tal-Inkarigu u Laqgħat tal-Bord | 5 |
| C | | Investigazzjoni tal-Pulizija | 9 |
| D | | Rapporti fl-Istampa | 10 |
| E | | Allegazzjonijiet u kwestjonijiet itrattati | 11 |
| F | 28 | L-allegazzjonijiet ta' Abdilla: Riżultanzi | 15 |
| | 28 | Dwar abbuzi fil-*live-ins* fil-Programm Pathway | 15 |
| | 29 | Dwar tixħim u korruzzjoni, inkluz minn Dr. De Bono | 19 |
| | 30 | Dwar aġir skorrett u irregolari minn Anthony Saliba | 22 |
| | 31 | Ta' *witch-hunt* u *frame-up* fil-konfront ta' Abdilla | 24 |
| | 32 | Li impjegati jitħallsu għal xogħol ineżistenti | 27 |
| G | 33 | L-allegazzjonijiet kontra Abdilla: Riżultanzi u Konkluzjonijiet | 28 |
| | 34 | Ta' aggressjoni, intimidazzjoni, *bullying*, oppressjoni | 28 |
| | 35 | Ta' irregolaritajiet serji f'*interviews* għal reklutaġġ u falsifikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali | 31 |
| H | 36 | L-allegazzjonijiet minn u kontra Abdilla: Konkluzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet | 40 |
| J | 37 | Il-kwestjoni tal-konflitt ta' interess tal-President tal-MCAST, Dr. Silvio De Bono | 42 |
| | 38 | Rakkomandazzjonijiet għal futur | 43 |
| K | 39 | Ir-reklutaġġ ta' impjegati fl-MCAST | 46 |
| | 39 | Il-każ ta' Alistair Attard | 46 |
| | 41 | Il-prattika tossika ta' rakkomandazzjonijiet għall-impjiegi | 49 |
| | 42 | L-*Interviewing Boards* sa issa | 51 |
| | 43 | Rakkomandazzjonijiet għal futur dwar ingaġġ | 53 |
| L | 44 | Konkluzjoni Ġenerali | 55 |

A. Inkarigu

1. Permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju 2018, [1] il-Ministru għall-Edukazzjoni u Xogħol, l-Onorevoli Evarist Bartolo ("il-Ministru") ħatar Bord ai termini ta' Artikolu 4(i) tal-Att dwar l-Inkjesti, Kap. 273 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex, għall-iskopijiet citati f'Artikolu 3 tal-istess Att, jinvestiga allegazzjonijiet li saru dwar l-operat, it-tmexxija u l-amministrazzjoni fil-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknologija ("MCAST") u l-imgieba ta' uffiċjali pubbliċi jew ta' ufficjali jew impjegati ta' korp imwaqqaf b'ligi.

2. B'mod aktar specifiku, il-Bord kellu:

i. jeżamina l-veraċità' ta' allegazzjonijiet li saru minn Josephine Abdilla, *Head of Human Resources* fl-MCAST, fil-konfront ta' certi ufficjali fl-istess istituzzjoni u tal-operat tagħhom fl-amministrazzjoni tal-istess;

ii. jinvestiga kwalsiasi irregolarità li tinġieb għall-attenzjoni tal-Bord;

iii. jirraporta fuq kwalunkwe atti, ommissjonijiet, agir jew komportament skorrett jew irregolari, sia ta' natura amministrattiva u sia jekk ikun *prima facie* ta' natura kriminali;

iv. jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu kif jidhirlu neċessarju u xieraq.

3. Il-Ministru ħatar lil Paul Bonello bħala Ċermen, lill-Avukat Dr. Phyllis Aquilina u Antoinette Caruana bħala Membri tal-Bord, u lil Charles Sacco bħala Segretarju.

Ic-Ċermen u l-Membri l-oħra tal-Bord ħadu l-gurament tal-ħatra skond l-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Inkjesti quddiem in-Nutar Pubbliku u Kummissarju tal-Guramenti n-Nutar Dr. Philip Ellul is-17 ta'Awwissu 2018, [2] liema guramenti gew depozitati mal-Ufficju tal-Avukat Generali kif jitlob l-istess Att.

4. Il-Bord ingħata żmien ta' xahrejn biex jissottometti r-Rapport tiegħu, ossia sas-27 ta' Settembru 2018. Minħabba n-numru konsiderevoli ta' xhieda li l-Bord deherlu li kellu jisma', u aktar u aktar minħabba kwestjonijiet ġodda li rriżultawlu fil-kors tas-smiegħ tax-xhieda, il-Bord talab tliet estensjonijiet, liema talbiet gew milqugħa. [3]

5. Mal-ittra tal-ħatra tal-Bord, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għadda lill-Bord id-dokumentazzjoni segwenti: [4]

---

[1] A fol 115

[2] A fol 116 sa 124

[3] A fol 233 u 234, 235 u 236, 237 sa 239

[4] A fol 1 sa 114

i. *e-mail* ta' Dr. Silvio De Bono, President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST, tas-7 ta' Mejju 2018 lill-Ministru dwar konflitt ta' interess potenzjali;

ii. ittra ta' rizenja ta' Dr. Silvio De Bono tas-17 ta' Mejju 2018 mill-pożizzjoni tiegħu fl-MCAST;

iii. ittra ta' Josephine Abdilla, *Head of Human Resources* MCAST, datata 16 ta' Lulju 2018, indirizzata lil Principal tal-MCAST, Prof. Dr. James Calleja, b'allegazzjonijiet serji ta' abbuzi kriminali u amministrattivi minn ufficjali fl-MCAST;

iv. serje twila ta' *e-mails* mibghuta minn Josephine Abdilla lill-Ministru fil-perjodu bejn l-20 ta' Lulju 2018 u l-24 ta' Lulju 2018, bi tmien *e-mails* fil-gurnata tal-24 ta' Lulju 2018; [5]

v. ittra tal-Principal tal-MCAST datata 23 ta' Lulju 2018 indirizzata lil Josephine Abdilla fejn giet avzata li tpoggiet fuq "*leave with pay*" b'effett immedjat;

vi. *e-mail* tal-President tal-Gvernaturi l-gdid, Frederick Schembri, u tal-Principal tal-MCAST, indirizzata lill-Ministru u datata 24 ta' Lulju 2018, b'allegazzjonijiet ulterjuri li saru minn Josephine Abdilla magħhom;

vii. komunikazzjoni mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru lil Kummissarju tal-Pulizija tal-24 ta' Lulju 2018 u oħra fil-25 ta' Lulju 2018, fejn giet mgħoddija lill-Pulizija Eżekuttiva d-dokumentazzjoni bl-allegazzjonijiet li saru minn Josephine Abdilla ghall-investigazzjoni;

viii. ittra tal-President tal-MCAST lil Josephine Abdilla tat-30 ta' Lulju 2018 li tenumera sensiela twila ta' allegazzjonijiet u lmenti magħmula minn membri tal-istaff fl-MCAST fil-konfront tal-istess Josephine Abdilla. Din l-ittra kellha titlu ta' "*Charge Note*" u biha il-President avza lil Josephine Abdilla li ser jitwaqqaf Bord ta' Dixxiplina fil-konfront tagħha.

ix. *e-mail* tal-Principal tal-MCAST lil Josephine Abdilla datata 30 ta' Lulju 2018 fejn Josephine Abdilla giet avzata li kienet qed tigi sospiza minn dmirijietha mill-għada 31 ta' Lulju 2018 u li kienet ser tkompli tircievi ħlas shih.

[5] Per eżempju, fl-24 ta' Lulju 2018: (1) 0455 hrs, a fol 30; (2) 0521 hrs, a fol 23; (3) 0719, a fol 28; (4) 0746 hrs, a fol 30; (5) 0844 hrs, a fol 41; (6) 0929 hrs, a fol 43; (7) 10:01, a fol 45; (8) 12: 11, a fol 53

B. <u>Ezekuzzjoni tal-Inkarigu u Laqghat tal-Bord</u>

6. Fil-qadi ta' dan l-inkarigu, il-Bord żamm erbatax-il laqgha fil-Ministeru f'Beltissebħ. Il-*quorum* ta' membri kien soddisfatt dejjem. Il-Bord sema' 24 xhud differenti, b'erbgha minnhom jintalbu jagħtu x-xhieda taghhom f'żewg okkazjonijiet jew aktar. Il-minuti tal-laqghat jinkludu dettalji sħaħ ta' dak kollu li sema' u kkunsidra l-Bord biex wasal għall-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu aktar 'l quddiem f'dan ir-Rapport. Dawn il-minuti ġew approvati mill-membri kollha tal-Bord.

7. Ix-xhieda li sema' l-Bord kienu dawk li jirrizultawlu li kienu rilevanti għal dak li kien tqabbad jinvestiga; dan bħala persuni li seta' jkollhom informazzjoni utli. L-ebda persuna ma giet *a priori* kkunsidrata bħala persuna li kienet *prima facie* responsabbli ta' xi reat jew agir skorrett u l-Bord irid jemfasizza li ma ħadimx bħala Bord ta' Dixxiplina; il-funzjoni tiegħu kienet li jistabilixxi l-fatti rilevanti bla ebda preġudizzju minn qabel, u hekk ikun jista' jislet il-konkluzjonijiet tiegħu.

Safejn kien possibbli, ix-xhieda li xtaq jisma' l-Bord jew li talbu li jinstemghu huma stess, instemghu f'ġurnata u ħin bi qbil magħhom. Il-metodu formali ta' taħrika ta' xhud intuża mill-anqas possibbli.

Kull xhud ingħata l-gurament kif jitlob Art. 6 tal-Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull xhud ġie mfakkar espressament fid-dritt tiegħu illi seta' jagħżel li ma jirrispondix fejn iħoss li bit-twegiba tiegħu seta' jinkrimina ruħu.

Ix-xhieda li nghatat fil-laqghat tal-Bord hija kollha rrekordjata. Il-Minuti tal-laqghat kollha huma f'forma ta' verbal ta' dak li gara' u sunt ta' dak li qalu x-xhieda, ħlief għal dik ta' Josephine Abdilla liema xhieda giet traskritta fil-Minuti kelma b'kelma.

Josephine Abdilla talbet li jakkumpanjaha u jassistiha l-avukat ta' fiduċja tagħha, u l-Bord laqa' t-talba tagħha. Hija nstemghet meta hi u l-Avukat tagħha indikaw li kienu disponibbli.

8. Il-Minuti ta' dawn il-laqghat, flimkien mad-dokumentazzjoni kollha migbura tul din l-Inkjesta, qed tingħadda lil Ministru flimkien ma' dan ir-Rapport.

9. L-ewwel laqgħa nżammet fis-17 ta'Awwissu 2018.

L-ewwel parti ġiet dedikata għal kwestjonijiet ta' forma bħalma huma t-teħid ta' ġuramenti mill-membri.

Wara, nstemghu l-ewwel żewġ xhieda **Dr. James Calleja**, Principal attwali tal-MCAST, u **Dr. Frank Fabri**, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru.

10. It-tieni laqgħa nżammet fit-23 ta'Awissu 2018.

Il-Bord ħa konjizzjoni tad-dokumenti li kienu ntalbu u li laħqu waslu għandu, inkluż kopja tar-Rapport tal-Inkjesta dwar il-Programm Pathways tat-12 ta' Mejju 2017.

Instemgħet ix-xhud **Denise Galea Pirotta** li sal-gurnata ta' qabel kienet *Administration Manager* fid-Dipartiment tal-*Human Resources* fl-MCAST u li issa rreżenjat biex tieħu impjieg fi skola privata. Instema' **Frederick Schembri**, attwali President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST. Ix-xhud l-ieħor kien **Judas Thaddeus Darmanin**, *Senior Lecturer* fl-MCAST u membru tal-Kunsill tal-*Malta Union of Teachers*.

11. It-tielet laqgħa nżammet fis-27 ta'Awwissu 2018 meta nstema' **Steve Cachia**, li kien jokkupa l-pożizzjoni ta' Principal tal-MCAST sa Ottubru 2017.

12. Ir-raba' laqgħa nżammet fit-28 ta'Awwissu 2018. Instemgħet **Dr. Nadia Vassallo**, Direttur tal-*Curriculum* u ko-ordinatur tal-*Learning Support Unit* fi ħdan l-MCAST. Instema' wkoll **Anthony Saliba** li preżentament jokkupa l-pozizzjoni ta' *Grievance Officer* fi ħdan l-MCAST. Instemgħet ukoll **Elaine Catania** li sa ftit qabel kienet *Senior Administrative Officer* fid-Dipartiment tal-*Human Resources* fl-MCAST u issa rreżenjat biex ħadet impjieg f'ażjenda oħra.

13. Il-ħames laqgħa nżammet fis-6 ta' Settembru 2018. F'din il-laqgħa nstema' **Dr. Silvio De Bono** li sas-17 ta' Mejju 2018 kien jokkupa l-pozizzjoni ta' President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST.

14. Is-sitt laqgħa seħħet fit-13 ta' Settembru 2018.

Il-Bord sema' x-xhieda ta' **Kristabelle Buhagiar**, li tokkupa l-pozizzjoni ta' *Administrative Officer - HR Department* tal-MCAST. Ta x-xhieda tiegħu wkoll **Lawrence Zerafa**, Librar tal-MCAST. Instema' wkoll **Dr. Peter Gatt**, *Lecturer* fl-MCAST. Tat ix-xhieda tagħha wkoll **Dr. Tatiana Chircop**, *Head of Foundation College* tal-MCAST.

Rega' nstema' għat-tieni darba **Frederick Schembri.**

15.1 Is-seba' laqgħa saret fl-24 ta' Settembru 2018 u nstemgħet ix-xhieda tal-**Avukat Dr. Charmaine Grech Cristiano**, konsulent legali attwali mal-Ministeru.

15.2 Il-kumplament tal-laqgħa tal-24 ta' Settembru 2018 gie dedikat għax xhieda ta' **Josephine Abdilla**, *Head of Human Resources Department* fl-MCAST. Hija kienet assistita mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona.

15.3 L-Avukat Borg Cardona qal li l-assistita tiegħu kienet avżata li kienet ser tgħaddi minn proċess dixxiplinarju fl-MCAST anke jekk sa issa ma kien għadu seħħ l-ebda proċediment. Huwa qal li jifhem li l-Bord, apparti li jinvestiga l-allegazzjonijiet li saru mill-assistita tiegħu, ser jinvestiga wkoll allegazzjonijiet li saru kontra tagħha. Huwa qal li, mingħajr ma taf id-dettall ta' tali allegazzjonijiet kontra tagħha, hija ma tistax tirrispondi dwarhom.

Il-Bord spjega li din hi inkjesta statutorja u tieħu preċedenza fuq Bord ta' Dixxiplina intern tal-MCAST. Gie enfasizzat ukoll li, f'dan l-istadju, il-Bord ma qed jikkunsidra lil ħadd bħala li hu akkuzat b'xi aġir skorrett jew illegali; il-mansjoni tiegħu hija li jiddetermina l-fatti u mbagħad jagħmel il-konkluzjonijiet u r-rakkamondazzjoni tiegħu.

15.4 Talba ghar-Rekuża ta' Membru tal-Bord ta' Inkjesta.

Dr. Borg Cardona qajjem kwistjoni oħra ta' natura preliminari, ossia li jidhirlu li Membru tal-Bord, Antoinette Caruana, kienet applikat għal pożizzjoni fl-MCAST u dan meta l-klijenta tiegħu, ix-xhud Josephine Abdilla, minħabba fil-pozizzjoni tagħha, kienet involuta fil-proċess tal-għazla. Qal li Ms Caruana spiccat mhux magħżula ghal dan il-post u "*Ilum qiegħda tiggudika meta hemm dawn ic-cirkostanzi*".

Ic-Ċermen tal-Bord spjega li l-Bord ilu jaf b'dan il-fatt mill-bidu li gie kostitwit meta l-istess Antoinette Caruana iddikjaratu, u ddikjarat ukoll illi dan l-akkadut ma kellu l-ebda effett soggettiv fuqha u ma jikkostitwixxi l-ebda influwenza estranja fuq il-qadi tad-dmirijiet taghha fuq dan il-Bord b'mod oggettiv, imparzjali u indipendenti. [6] Dak, għal li ghandu x'jaqsam ma' indipendenza u imparzjalita' soggettiva.

Deċizjoni. Għal dak li huwa indipendenza u imparzjalità oggettiva, fid-deċizjoni tiegħu dwar dan l-aspett, il-Bord spjega illi l-Kap. 273, l-Att dwar l-Inkjesti, huwa sieket dwar dan l-aspett u l-kwestjoni ta' rekuża ta' xi membru tal-Bord. Fiċ-ċirkostanzi, il-membri tal-Bord, eskluża l-istess Antoinette Caruana li ma ppartecipatx fl-istess kunsiderazzjoni, wera l-fehma li l-Bord għandu jistrieħ u jsegwi l-aħjar standard fil-ligijiet tagħna, ossia li jigi segwit dak li jispeċifika l-Kodici ta'Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 733 sa 740, fejn hemm elenkat iċ-ċirkostanzi meta hemm l-obbligu li ġudikant jirrikuża ruħu jew li jista' jigi rikużat. Iċ-ċirkostanzi attwali li qajjem Dr. Borg Cardona ma jinkwadraw fl-ebda waħda minn dawn ic-cirkostanzi oggettivi.

Għadaqstant il-Bord iddecieda li ma hemm l-ebda raguni tajba għaliex Antoinette Caruana ghandha tkun rikużata jew li tirrikuża ruħha, u li ghalhekk hija tkompli taqdi dmirijietha bħala membru tal-Bord.

16. It-tmien laqgħa saret fis-26 ta'Ottubru 2018 meta parti mil-laqgha saret fil-ghodu u parti oħra fil-għaxija. Fil-għodu nstema' **Joseph Caruana**, il-persuna li kienet tokkupa l-pożizzjoni ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru minn Gunju 2013 sa Gunju 2017. Fis-seduta ta' fil-għaxija nstema', għat-tieni darba, s-Segretarju Permanenti attwali, **Dr. Frank Fabri**.

17. Id-disa' laqgħa saret fit-2 ta' Novembru 2018, fejn rega' nstema għat-tieni darba l-Principal attwali tal-MCAST **Dr. James Calleja**.

18. L-għaxar laqgha nzammet fil-5 ta' Dicembru 2018. Instema' ghat-tielet darba l-Principal, **Dr. James Calleja**, u ghat-tieni darba l-Principal ta' qabel, **Steve Cachia**. Ta x-xhieda tiegħu wkoll **Alistair Attard**, dak iz-zmien *Part-Time Lecturer* fl-MCAST li wkoll kien kandidat għal sejħa ta' *Full-Time Lecturers, Creative Arts - Sound.*

---

[6] Ara Minuti tal-Ewwel Laqgha tas-17 t'Awwissu 2018, Para 2

19. Il-ħdax 'il laqgħa saret fit-3 ta' Jannar 2019 fejn instemgħu **Dr. Tyrone Grima**, liema kien jokkupa l-pozizzjoni ta' Direttur tal-*Creative Arts* fi ħdan l-MCAST sa Awwissu 2018, u **Dr. Jevon Vella**, Deputat Direttur attwali tal-*Creative Arts*.

20. It-tnax 'il laqgħa saret fil-21 ta' Frar 2019 fejn gie kkunsidrat *Executive Summary Report* taħt it-titlu ta' "*Salaries Dispute with MUT at MCAST*" datat 12 ta' Jannar 2019 redat minn **Anthony Saliba**, *Deputy Principal*, MCAST *Grievance Office*.

Instemgħet ukoll **Charlene Anne Azzopardi,** ex-*Administrative Officer* fl-HR, fil-waqt li reggħu ukoll instemgħu għat-tieni darba **Elaine Catania** u **Denise Galea Pirotta.**

20A. It-tlettax 'il laqgħa saret fit-22 ta' Frar 2019 fejn xehdu **Carmela Ragusa** u **Ian Muscat.**

21. Matul l-Inkjesta saru diversi laqgħat bejn il-Membri fejn saret diskussjoni informali bil-għan li jilħqu l-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet f'dan ir-Rapport. L-aħħar laqgħa nżammet fis-26 ta' Frar 2019 fejn gie adottat dan ir-Rapport Finali.

Il-Bord dejjem wasal għal konkluzjonijiet tiegħu, sia dawk *interim*, kif ukoll ir-Rapport finali, b'unanimità.

C. Investigazzjoni tal-Pulizija

22.1 Kif ingħad f'Paragrafu 5.vii, il-Bord gie infurmat li l-allegazzjonijiet li għamlet Josephine Abdilla gew mgħoddija mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru lill-Kummissarju tal-Pulizija fl-24 ta' Lulju 2018 għal kwalsiasi investigazzjoni li jidhirlu xierqa dwar dak li jista' jkun ksur tal-ligijiet kriminali. Il-Bord hu infurmat li fid-19 ta'Awwissu 2018, l-Ispettur tal-Pulizija Rennie Stivala, ufficjal inkarigat mill-istess investigazzjoni, kien informa lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru illi "*l-investigazzjoni waslet fl-istadji konklusivi u ser inzommukom infurmati malli jkun hemm decizjoni finali*". [7]

Sar attentat ieħor fi Frar 2019 biex jiġi stabbilit f'hiex waslet din l-investigazzjoni u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru avża lill-Bord li gie infurmat li "*wara li l-Pulizija għamlet l-investigazzjoni tagħha u kellmet lil dawk kollha konċernati, u waslet għal konkluzjonijiet tagħha, talbet lill-Avukat Ġenerali sabiex jagħti parir legali fuqhom*".

22.2 Għar-raġunijiet imsemmija fi Paragrafu 35.9, minħabba fil-gravità ta' certi riżultanzi ta' dan il-Bord ta' Inkjesta, dan il-Bord jirrakkomanda li dawn ir-riżultanzi jiġu mgħoddija lill-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali għall-istharrig u l-prosekuzzjoni, jekk u fejn meħtieg.

[7] A fol 127

D. Rapporti fl-Istampa.

23. Matul il-kors ta' din l-Inkejsta dehru regularment u reputatement rapporti fl-istampa dwar dak li allegatament kellu jirriżulta jew kien qed jirriżulta f'din l-Inkjesta. Ħafna drabi dak li kien qed jiġi rappurtat ma kien jirrispekkja xejn dak li fil-fatt kien qed jirrizulta mill-Inkjesta. Mingħajr b'xi mod ma qed jiġi kkritikat id-dritt sagrosant f'soċjeta demokratika ta' stampa ħielsa li tirraporta u tikkumenta fuq dak li jkun qed jigri madwarha, il-Bord ma jistax ma jikkumentax illi diversi drabi rapporti bħal dawn jidhru li originaw minn min ried li jaghti "*spin*" lill-investigazzjoni jew lid-direzzjoni tagħha jew inkella li jikkondizzjonaw l-opinjoni pubblika lejn il-konklużjoni li dawn l-uħud setgħu xtaqu li toħroġ minn din l-Inkjesta. Il-Bord jirregistra, għal kull fini u effett, li huwa ma kien bl-ebda mod kundizzjonat jew direzzjonat bil-kontenut ta' dawk il-publikazzjonijiet, jew kummenti li segwewhom.

E. Allegazzjonijiet u Kwistjonijiet trattati minn dan il-Bord.

24. Il-kwestjonijiet u t-truf illi investiga dan il-Bord jirriżultaw sia mill-varji dokumenti li l-Bord irċieva mill-Ministeru fil-mument tal-ħatra kif elenkati f'Paragrafu 5, kif ukoll minn dak li rriżulta mix-xhieda *viva voce* u dokumentazzjoni mitluba u pprovduta mill-istess xhieda.

Il-Bord ma nvestigax biss dak li allegat Josephine Abdilla fil-varji komunikazzjonijiet u laqgħat li kellha ma' ufficjali tal-MCAST u mal-Ministru, izda wkoll allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha minn oħrajn. [8]

Il-Bord ittratta wkoll kwistjonijiet oħra amministrattivi li sema' dwarhom matul l-istess Inkjesta, b'mod partikolari (i) kwistjonijiet ta' kunflitt ta' interess, u (ii) u lmenti dwar proċessi ta' ngaġġ. Il-Bord ser jikkumenta wkoll fuq dak li jidhirlu li għandu jikkostitwixxi imġieba amministrattiva tajba fl-istituzzjoni tal-MCAST.

25. L-allegazzjonijiet li saru mis-Sinjura Josephine Abdilla (aktar 'il quddiem "Abdilla"), u li ġew investigati mill-Bord huma fis-suċċint kif gej:

i. l-allegazzjoni ta' Abdilla li kien jeżisti rapport minn terzi li fir-rigward tal-operat tal-MCAST dwar "*irregularities and abuse that existed before my time*", [9] u li dan ir-rapport allegatament "*depicted a number of recruitment and other HR-related abuses and injustices including bribery with promotions*"; [10]

ii. l-allegazzjoni ta' Abdilla illi, wara li fuq senjalazzjoni ta' impjegata fid-Dipartiment tal-HR, Denise Galea Pirotta, hija insistiet li jiġu investigati allegati abbużi f'*live-ins* fil-Programm Pathway tal-MCAST, meta ħareġ ir-rizultat tal-investigazzjoni fit-12 ta' Mejju 2017, it-tmexxija tal-MCAST ma ħadet l-ebda passi fir-rigward ta' min instab li naqas ("*MCAST could do nothing about the perpetrators*"). [11]

iii. l-allegazzjoni ta' Abdilla illi fost l-abbuzi illi okkorrew f'dawn il-*live-ins* tal-Pathway f'lukanda, kien hemm dawk fejn "*lecturers who were supposed to take care of the students (with intellectual and development disabilities) brought in their partners, stood naked metres away from the students and also had parties, drank alcohol and conducted activities of a sexual nature ... MCAST management knew about this and did nothing .... The signed report of the inquiry is mentioning such aspects*"; [12]

---

[8] Ara Paragrafu 26 u Sezzjoni G, Paragrafi 33 u 35 ta' dan ir-Rapport

[9] Jiġifieri qabel ma ġiet reklutata Abdilla bħala *Head Human Resources* f'Marzu 2015

[10] Ara ittra ta' Abdilla lill-Principal attwali tal-MCAST datata 16 ta' Lulju 2018, a fol 6

[11] *ibid*

[12] Ara *e-mail* ta' Abdilla lil-Ministru tal-24 ta' Lulju 2018, 0521 hrs, a fol 23

iv. l-allegazzjoni ta' Abdilla illi "*the recently-appointed Ombudsman was given the post without a call*". Ir-referenza għal "*Ombudsman*" hija għal Anthony Saliba ("Saliba") li kien għadu kif gie appuntat *Grievance Officer*. Abdilla tallega illi dan il-persuna huwa "*a prime stakeholder in the Pathway Programme and this alone is a motivation for pay back against me*". Abdilla tallega wkoll illi Saliba kien "*connected to the gym abuse where the gym, for years, was being used for personal gains*". [13] F'komunikazzjoni oħra, hija ssejjaħ il-mod kif ingħazel Saliba ghal din il-pożizzjoni mingħajr "*public call*" bħala illegali. [14]

v. l-allegazzjoni illi Abdilla kellha "*reason to believe that I am being ousted*" mit-tmexxija il-gdida fl-MCAST u li direttur fi hdan l-MCAST "*started inciting a couple of people in my own department and now I am being accused of a number of things*"; [15] u li l-Principal il-gdid Dr. James Calleja "*should stop using people to harass staff at MCAST to say things against me*" u li "*your appointed Chairman and Principal should stop trying to intimidate me and intimidate other people to frame me*"; [16] u li "*I am being framed*"; [17]

vi. l-allegazzjoni ta' Abdilla illi s-sospensjoni tagħha mix-xogħol kienet riżultat ta' "*I am a Labour fan ... and that I have contacts from the Labour camp*" u li din hi "*a political witch hunt that your Ministry is allowing it to happen*" [18] u li "*my alleged colour of politics ... are very important to get me suspended*";

vii. l-allegazzjoni li għamlet Abdilla illi l-President preċedenti tal-Bord tal-Gvernaturi, Dr. Silvio De Bono, kien irċieva "*a one-month salary / commission from new recruits at MCAST; she was so upset with the practice that she claimed that she asked her daughter to follow a course at Dr. De Bono's institute IDEA and paid him €500*"; [19]

viii. l-allegazzjoni li ghamlet Abdilla lill-Ministru li kien hemm "*Heads of Department who had their people on reduced hours and never spoke out for a number of years and these people were paid in full*". [20]

26. <u>L-allegazzjonijiet li saru minn numru ta' staff tal-MCAST kontra Abdilla.</u>

26.1 Il-Principal il-gdid, Dr. Calleja, ta l-ewwel xhieda tieghu fis-17 ta'Awwissu 2018. Huwa jghid:

[13] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2018, 0746 hrs, a fol 30
[14] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2018, 0844 hrs, a fol 41
[15] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-21 ta' Lulju 2018 taht titlu "*Framed and Discriminated*", a fol 12
[16] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2018, 0719 hrs, a fol 28
[17] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-20 ta' Lulju 2018, a fol 11
[18] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tat-23 ta' Lulju 2018, a fol 21
[19] Ara *e-mail* ta' Dr. James Calleja tal-24 ta' Lulju 2018, a fol 44
[20] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2016, 0655, a fol 26

*"għall-aħħar ta' Ġunju u bidu ta' Lulju 2018, gew ikellmuni diversi membri tal-istaff ... qed nesebixxi dokument b'lista ta' dawn il-grievances ... dawn huma l-istess bħal dak li jidher f'dokumenti a fol 125 sa 125G ... dawn il-complaints jammontaw għal wieħed u għoxrin ilment differenti u fil-biċċa l-kbira kienu allegazzjonijiet kontra Josephine Abdilla u l-istil ta' management tagħha; kien hemm element komuni f'dawn l-ilmenti jigifieri li l-istil tagħha kien ikkunsidrat bħala aggressiv u intimidatorju"*.

Il-Principal Dr. James Calleja ippreżenta kopja ta' dokument mgħoddi lilu u lill-President minn numru ta' impjegati fid-dipartiment ta' Abdilla datat 16 ta' Lulju 2018. Din il-kopja giet ċertifikata bħala kopja vera permezz tal-firma tal-Principal fit-3 ta' Frar 2019. [21]

Permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar 2019, Anthony Saliba, Deputat Principal, identifika s-sitt membri tal-istaff li kitbu l-ittra, jigifieri: [22]

- Charlene Azzopardi, ID 042791M, li m'għadhiex taħdem l-MCAST;
- Carmela Ragusa, ID 106707A;
- Elaine Catania, ID 0240575M, li m'għadhiex taħdem l-MCAST;
- Denise Galea Pirotta, ID 0373284M, li m'għadhiex taħdem l-MCAST;
- Kristabelle Buhagiar, ID 0390791M; u
- Ian Muscat, ID 081797M.

Il-Bord talab lid-Deputat Principal jipprovdi d-dettalji ta' dawn l-impjegati. [23] Ilkoll intalbu jattendu quddiem il-Bord. Is-sinjuri Buhagiar, [24] Catania u Galea Pirotta, [25] u Muscat [26] identifikaw id-dokument u assumew paternità tiegħu. Charlene Azzopardi qalet li hi kienet diġa' telqet mill-MCAST dak iz-zmien u ma ratx dan id-dokument, izda kienet għamlet ilment individwali u separat. [27] [28] Elaine Catania qalet li kienet taf bid-dokument izda hi ppreferiet tagħmel ilment individwali u separat. [29] [30]

26.2 Dawn l-Ilmenti jittrattaw dak li fid-dokument isejħulu "*bullying and harassment, intimidation, ridicule, aggressive nature, hostility, oppression and fear, inconsistency*". Jgħidu li Abdilla "*shouts angrily and furiously at them ... shrilling at contracted employees including housekeepers and their supervisor and security officers*", inkluż "*shouting at HR staff members that they abuse of sick leave ... with staff members evidently upset and noticed emerging crying from Josephine Abdilla's office*". F'dan id-dokument ta' seba' pagni, dawn l-impjegati fl-HR tal-MCAST isemmu diversi episodji ta' tensjoni allegatament maħluqa minn Abdilla.

---

[21] A fol 125 sa 125G
[22] A fol 227 u 228
[23] Ara a fol 229 sa 232
[24] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-13 ta' Settembru 2018, Para 2.2
[25] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-20 ta' Frar 2019
[26] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-22 ta' Frar 2019
[27] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-20 ta' Frar 2019
[28] A fol 296
[29] *ibid*
[30] A fol 292 sa 295

26.3 Il-Bord ikkonsidra wkoll l-ittra ta' lment ta' Alex Wright tal-25 ta' Lulju 2018 li kien għadu kif irrizenja u jgħid għaliex jikkonsidra lil Abdilla bħala "*vindictive, power hungry and either her way or no way*" u kif daħħlet atmosfera ta' theddid u "*fear mentality*". [31]

Iż-żewġ impjegati l-oħra fl-istess dipartiment ta' Abdilla, li ħassewhom li kellhom jirriżenjaw fl-istess zmien, Charlene Azzopardi u Elaine Catania, jikkoroboraw l-istess ilmenti. Din tal-aħħar tispjega l-"*attegjament negattiv li ma kellu l-ebda limitu, tant li sa fl-aħħar wassalni biex infittex impjieg ieħor ... l-għajjat kien il-mezz ewlieni li tuża biex għat-taparsi tikkoreġi n-nuqqasijiet tagħna ... kellha wkoll l-abitudni li ċċempel id-dar anke meta ma nkunx xogħol u tispiċċa tgħajjat miegħi ... darba kont leave u bdiet iċċempel u tgħajjat fuq il-mobile, taqta' u wara ftit terġa' ... erba' darbiet ... l-għajjat kien wieħed kontinwu, bla raġuni u bla rispett*". [32]

26.4 Addirittura aktar serju hija l-allegazzjoni f'Punt Numru 4: "*Josephine Abdilla would request two staff members to appoint recommended people who would have applied for posts at MCAST*" u jsemmu okkazjoni fejn wara li kandidat ma kienx għadda minn *interview*, Abdilla allegatament ordnat lil dawn il-membri tal-istaff biex "*the candidate is scored again on a new score sheet and that he passes his interview*".

Jingħad ukoll li f'kaz ieħor Abdilla talbet lil subordinata tagħha biex tagħti marki għolja f'*job interview* lil kandidat partikolari għal *lecturing post* u jingħad illi Abdilla allegatament bagħtet għal din is-subordinata tagħha diversi drabi "*to intimidate and shrill at her repeatedly for not having followed her instructions and angrily asking what shall I now say to the Chairman when he was so insistent on employing this candidate*".

Minħabba s-serjetà ta' dawn l-allegazzjonijiet, dawn il-membri intalbu jixhdu. Ara Paragrafu 35.

27. <u>Kwistjonijiet Oħra</u>. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni, il-Bord ittratta wkoll kwistjonijiet oħra li deherlu li jisthoqqilhom kunsiderazzjoni serja. Fost dawn:

i. il-kwistjoni ta' jekk il-President tal-Gvernaturi tal-MCAST, Dr. Silvio De Bono, kellux kunflitt ta' interess kostanti matul l-inkarigu tiegħu, u jekk iva, kif sitwazzjoni bħal din tista' tiġi evitata fil-futur; ara Paragrafi 37 u 38.

ii. il-metodu ta' reklutaġġ ta' impjegati fl-MCAST, kemm dak akkademiku u anke dak li mhux, u kif jista' jsir aħjar; ara Sezzjoni K, Paragrafi 39 sa 43.

[31] A fol 125DA u 125 DB

[32] A fol 292 sa 295

F. L-Allegazzjonijiet ta' Abdilla: Riżultanzi

28.1 L-Allegazzjonijiet ta' Abdilla dwar abbużi fil-*live-ins* fil-Programm Pathway

L-ewwel allegazzjoni ta' Abdilla hija illi, wara senjalazzjoni ta' impjegata fl-HR Dept, Denise Galea Pirotta, hija insistiet fuq investigazzjoni dwar allegat abbuzi fi *live-ins* fil-Programm Pathway tal-MCAST, iżda meta ħareġ ir-riżultat tal-investigazzjoni f'Diċembru 2017, it-tmexxija tal-MCAST ma ħadet l-ebda passi fir-rigward ta' min instab li naqas ("*MCAST could do nothing about the perpetrators*"). [33]

Abdilla allegat illi fost l-abbuzi illi seħħew f'dawn il-*live-ins* tal-Pathway f'lukanda kien hemm dawk fejn "*lecturers who were supposed to take care of the students (with intellectual and development disabilities) brought in their partners, stood naked metres away from the students and also had parties, drank alcohol and conducted activities of a sexual nature ... MCAST management knew about this and did nothing .... The signed report of the inquiry is mentioning such aspects*". [34]

28.2 Riżultanzi:

Mix-xhieda tal-Principal attwali, James Calleja, jirrizulta li l-Bord tal-MCAST kien waqqaf Bord ta' Investigazzjoni u li dan ippreżenta r-Rapport tiegħu fit-12 ta' Mejju 2018. Calleja jgħid li fejn irrizultaw nuqqasijiet, l-MCAST ħadet azzjoni rimedjali.

Il-Bord talab u ottjena kopja ta' dan ir-Rapport datat 12 ta' Mejju 2017. [35] Dan ir-Rapport kien redat mic-Ċermen u l-Membri ta' Bord ta' Inkjesta imwaqqaf skond il-ligi applikabbli, senjatament Louisa Grech, [36] Rhoda Garland [37] u Myriam Vella. Mill-konkluzjonijiet inekwivoci tar-Rapport joħroġ li ġew determinati fatti abbużivi u serji ferm, u agħar minn hekk ġiet permessa sitwazzjoni bħal din tipperpetwa ruħha fit-tieni l-akbar istituzzjoni edukattiva terzjarja tal-pajjiz. Ir-Rapport stabilixxa li:

- klikka ta' staff akkademiku tal-MCAST tħallew jipperpetwaw stat ta' terrur, *bullying*, agir awtoritarju u intimidazzjoni kontra *lecturers* u *staff* oħra fl-MCAST;
- membri tal-istess klikka kienu jisparixxu jew jiddiżertaw irwieħhom minn fuq ix-xogħol għal qadi persunali, u xi drabi anke biex isiefru, u għalhekk kienu jassentaw irwieħhom minn dmirijiethom b'mod ripetut u mhux ġustifikat;
- l-istess uhud kienu jindaħlu u jiskoragixxu membri tal-istaff fil-prattika religjuza tagħhom;
- qabdu u neħħew il-Kurċifiss minn uħud mis-swali tal-MCAST bla ebda awtorità u rrifjutaw li jerġgħu jppoguhom f'posthom;
- wettqu jew ħallew isiru nuqqasijiet serji fis-sillabu u fl-amministrazzjoni tal-Programm;

[33] Ara ittra ta' Abdilla lill-Principal attwali tal-MCAST datata 16 ta' Lulju 2018, a fol 6
[34] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2018, 0521 hrs, a fol 23
[35] A fol 125 H sa 125BB
[36] Louisa Grech hija Gvernatur tal-MCAST mit-18 ta' Gunju 2013 u għadha tokkupa din il-pożizzjoni
[37] Rhoda Garland hija Gvernatur tal-MCAST mis-17 ta' Gunju 2016 u għadha tokkupa din il-pożizzjoni

- agir abbużiv versu l-ġenituri ta' studenti tal-Pathway, jiġifieri żgħażagħ b'diffikultajiet intelletwali u soċjali, u xi drabi bi problemi ta' kundizzjonijiet serji ta' natura psikjatrika jew psikoloġika;
- aggressjoni verbali lejn il-ko-ordinatur il-ġdid tal-Programm;
- komportament xejn professjonali u etiku waqt week-end *live-ins* fi lukanda, bi agir ta' eżempju ħażin, inkluż komportament sesswali skorrett u xorb ta' alkoħol, speċjalment fil-viċinanza, jekk mhux preżenza, tal-istudenti l-aktar soċjalment vulnerabbli tal-Pathway;
- wettqu komportament skorrett ma' studenti fil-Pathway, inkluż uħud *transgender*;
- naqsu li jottjenu permess jew awtorità tal-ġenituri għal certi deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-istudenti;
- użaw b'mod mhux korrett fondi, anke jekk f'ammonti mhux kbar;
- taw promozzjonijiet mhux ġustifikati;
- wettqu insubordinazzjoni lejn is-superjuri tagħhom.

28.3 Li saret din l-investigazzjoni huwa mertu tas-sens ta' responsabilita' ta' Denise Galea Pirotta li baqgħet tinsisti li dan l-istat ta' fatt ma jkompliex, u dan anke wara li kienet irreżenjat biex taħdem f'post ieħor. Fil-fatt hija qalet b'dan kollu f'*exit interview* lil Josephine Abdilla, meta din tal-aħħar kienet ilha ftit taż-żmien li ħadet id-dmirijiet tagħha bħala l-Kap tal-HR fl-MCAST.

Huwa mertu wkoll ta'Josephine Abdilla li insistiet li dawn l-allegazzjonijiet ta' Denise Galea Pirotta jiġu investigati, liema investigazzjoni saret permezz tal-Bord ta' Inkjesta, liema ġiet konkluża bir-Rapport tat-12 ta' Mejju 2017.

28.4 Joħroġ ċar mir-Rapport ta' dan il-Bord ta' Inkjesta dwar il-Pathway, illi dawk li kienu maġġorment responsabbli għal dan kollu kienet *in primis* certa BB, [38] *co-ordinator* jew *acting co-ordinator* tal-Programm, u certa CC, b'oħrajn, ossia DD u EE, jinsabu responsabbli fi gradi inqas u għal "*offiżi*" anqas serji.

*Inter alia*, il-Bord ta' Inkjesta irrakkomanda illi BB tgħaddi Bord ta' Dixxiplina "*with Recommendation of Dismissal*", filwaqt li CC tgħaddi Bord ta' Dixxiplina "*to determine whether her actions are tantamount in seriousness to warrant dismissal*".

28.5 Diga', mir-Rapport ta' dan il-Bord ta' Inkjesta, kien jirriżulta li meta xi abbużi kienu rappurtati lil Principal ta' dak iż-żmien, Steve Cachia, dan ma ħa l-ebda azzjoni. Per eżempju r-rapprezentant tal-MUT fl-MCAST jgħid li "*even though Mr Cachia, the Principal, had been spoken to many times, nothing had been done*".

[38] **PERSUNI LI JISSEMMEW F'DAN IR-RAPPORT LI MA KIENUX XHIEDA U LANQAS HUMA PERSUNI B'KARIGA GHOLJA AMMINISTRATTIVA FL-MCAST QED JIGU ANONIMIZZATI GHAL RAGUNIJIET TA' HARSIEN TA' DATA U PRIVATEZZA**

Ir-Rapport tal-Bord ta' Mejju 2017 jgħid li "*The Board are extremely concerned that nobody along the chain of command seemed to take these allegations seriously enough to take action*".

Sfortunatement jidher illi lanqas wara dan l-istess Bord ta' Investigazzjoni dwar il-Pathway, il-*Management* tal-MCAST baqa' ma ħax l-azzjoni proporzjonali għall-gravità tas-sitwazzjoni u warrab, injora u ma attwax ir-rakkomandazzjonijiet tal-istess Bord.

28.6 Konkluzjoni:

Għaldaqstant din l-allegazzjoni ta' Abdilla hija korretta u vera.

Josephine Abdilla kienet korretta illi ġġib dan l-istat ta' fatt għall-attenzjoni tal-Ministru meta l-amministrazzjoni tal-MCAST, immexxija dak iż-żmien mill-President Dr. Silvio De Bono, u mill-Principal, Steve Cachia, ma ħadux il-passi li ġew rakkomandati.

Il-President tal-Gvernaturi Dr. Silvio De Bono, u l-Principal Steve Cachia, naqsu gravament mid-dmirijiet tagħhom meta ma ħadux l-azzjoni rakkomandata minn Bord ta' Investigazzjoni. Tabilħaqq minn dak li jidher mill-unika minuta dwar dan is-suġġett fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi, [39] jirriżulta li dan ir-Rapport bil-konkluzjonijiet tal-Bord ta' Investigazzjoni lanqas biss ġie ċirkulat lil Membri tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST.

Dan il-Bord ta' Investigazzjoni dwar il-Pathway jidher li ħadem sewwa, fir-rispett tal-liġi li tirregolah, ossia Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll b'rispett għal prinċipji tal-liġi naturali, u wasal għall-konkluzjonijiet tiegħu b'mod raġonevoli, dokumentat u proporzjanat, u għamel konkluzjonijiet ta' fatt f'atmosfera li żgur ma kienetx faċli, u rakkomandazzjonijiet ta' dixxiplina bla biża' jew favur.

Ir-raġunijiet illi ta Steve Cachia, Principal, permezz tal-ittra tiegħu lil Dr. De Bono tal-24 ta' Mejju 2017 [40], biex jittanta jiġġustifika għaliex warrab ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ma huma bl-ebda mod meqjusa li jiġġustifikaw lilu, jew lill-President tal-Bord ta' dak iż-żmien, Dr. Silvio De Bono, li jonqsu milli jagixxu kif rakkomandat mill-Bord ta' Inkjesta fit-12 ta' Mejju 2017. Kważi bi sfida, minflok ħadu l-azzjoni dixxiplinarja rakkomandata, Steve Cachia u Dr. Silvio De Bono ddecidew li jagħmlu *overruling* tar-Rapport ta' Investigazzjoni u ħargu sempliċi *warning letters* lil BB u lil CC, [41] *warnings* li Dr. Silvio De Bono ddeskrivihom bhala "*harsh warning letters*", meta fil-verità ma kienu xejn għajr twissijiet imqanżħa li lanqas biss kienu jkopru dak li l-Bord ta' Inkjesta sabhom ħatja tiegħu.

[39] Minuta Numru 1371.0 fil-Laqgha Numru 185 tal-20 ta' Lulju 2017 tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST, a fol 260

[40] A fol 126F sa 126H

[41] A fol 261 sa 264

Biex tkompli taggrava din l-amministrazzjoni ħażina fil-każ tal-*live-in* tal-Pathway, jirriżulta minn indaġini li għamel dan il-Bord ta' Inkjesta, illi ħames xhur biss wara dik l-ittra ta' twissija msemmija u mibgħuta lil CC, l-istess amministrazzjoni tal-MCAST, fl-14 ta' Diċembru 2017, tatha promozzjoni minn *Lecturer* għal *Senior Lecturer 1.*

Abbazi tal-Ftehim Kollettiv fl-MCAST, min jilħaq il-prerekwiziti stipulati jkun jista' japplika lill-*Progression Committee* li eventwalment jevalwa l-applikazjoni u jagħti d-deċizjoni tiegħu. F'dan il-każ, il-*Head Internal Audit* Emanuel Attard, il-Principal u Deputat Principal tal-MCAST, ma sabux id-dokumenti rilevanti tal-*Progression Committee,* [42] u ma jistax jiġi stabbilit min u kif ittieħdet din id-deċizjoni li tidher pależament żbaljata. Bħal diversi drabi oħra, dokumenti importanti ma jinstabux.

U, minkejja li dwar din il-promozzjoni tilmenta Abdilla - u għamlet sewwa - jirriżulta li l-ittra lil CC li giet promossa b'żieda fil-paga kienet iffirmata mill-istess Josephine Abdilla nhar il-21 ta' Diċembru 2017 fejn, b'mod kontradittorju tgħidilha, "*we thank you for your commitment to MCAST and your contribution to create an exceptional learning experience for our students*". [43]

Ma jistax jonqos li episodji bħal dawn ikkontribwew biex in-numru ta' studenti li rreġistraw fil-Pathway kompla naqas, kif iddikjara l-istess President tal-Bord tal-Gvernaturi, Dr. Silvio De Bono, fil-laqgħa tiegħu tal-Bord tal-Gvernaturi tal-20 ta' Lulju 2017. [44]

[42] Ara *e-mail* tal-*Head Internal Audit* u tal-Principal datata 24 ta' Frar 2019, a fol 279 *et seq*

[43] A fol 289

[44] Minuta Numru 1371.0 fil-Laqgħa Numru 185 tal-20 ta' Lulju 2017 tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST, a fol 260

## 29. <u>L-Allegazzjoni ta' Abdilla dwar Tixħim u Korruzzjoni.</u>

29.1 L-allegazzjoni ta' Abdilla li kien jeżisti rapport minn terzi li fir-rigward tal-operat tal-MCAST dwar "*irregularities and abuse that existed before my time*", [45] u li rapport bħal dan allegatament "*depicted a number of recruitment and other HR-related abuses and injustices including bribery with promotions*" [46] ma ġiex ippruvat. Tabilħaqq, Abdilla ma ġabet l-ebda prova, imqar ta' natura l-aktar preliminari u *prima facie*, anke imqar jekk kienet ikkontestata, dwar din l-allegazzjoni tagħha. Fix-xhieda tagħha quddiem dan il-Bord, [47] hija qalet "*l-bribery <u>naħseb kienet</u> - u <u>diga' kkoreġejtha mal-pulizija</u>; dan il-persuna ried li talli qisu xehed, ried jieħu l-promotion*". Mistoqsija direttament "*Kien hemm tixħim jew xiri ta' influwenza?*", hija tirrispondi "*Le, le; ma nafx li kien hemm*".

Għal dan il-Bord ta' Inkjesta, dan ma hu xejn għajr logħob bil-kliem u jfisser li l-allegazzjoni ta' Abdilla kienet akkuza bla bazi.

29.2 L-allegazzjoni li għamlet Abdilla lill-President tal-Bord tal-Gvernaturi u lill-Principal tal-MCAST attwali illi l-President ta' qabel, Dr. Silvio De Bono, kien irċieva "*a one-month salary / commission from new recruits at MCAST; she was so upset with the practice that she claimed that she asked her daughter to follow a course at Dr. De Bono's Institute IDEA and paid him €500*". [48]

F'laqgħa li l-President tal-Gvernaturi u l-Principal kellhom ma' Abdilla biex ikellmuha fuq numru kbir ta' lmenti li kienu qed jirċievu dwarha, Abdilla ma għamlet xejn biex tippreċiża jew tikkoregi l-mira. Anzi hija żiedet id-doża u skond Dr Frederick Schembri hija qalet "*Iċ-Ċermen ta' qabel kien għalih importanti ħafna il-motiv finanzjarju privat tant li f'mument minnhom hi ħassitha kostretta li bla bżonn tħallas kors għat-tifla tagħha fil-kumpanija privata ta' Dr. De Bono .... Qalet ukoll li Dr. De Bono kien saħansitra jieħu kummissjonijiet minn għand persuni li jkunu qed jippretendu jew jitolbu jew applikaw biex jidħlu jaħdmu fl-MCAST*". Frederick Schembri jkompli jixhed li "*f'dan il-mument fakkartha li dan irid jiġi nvestigat iżda fi kwalunkwe każ dan, jekk sar, sar ukoll mill-HR Department fejn hi kienet il-Head u l-garanti ta' suppost prattika tajba; għal din ir-rimarka hija ma qalet xejn*". [49]

Dan il-Bord staqsa car lil Dr. Silvio De Bono dwar dan meta xehed quddiemu. [50]

> "*Mistoqsi jekk nafx bil-każ ta' fejn it-tifla ta' Josephine Abdilla setgħet attendiet kors ta' IDEA Leadership & Management Institute, nikkonferma li iva. It-tifla ta' Josephine Abdilla, certa FF, kienet applikat għall-kors mingħajr ma jien kont naf u mingħajr ma aċċettajtilha l-applikazzjoni jien. Imbagħad kienet kellmitni u sirt naf min hi wara li beda l-kors. Mrs Abdilla insistiet li tħallas*".

---

[45] Jigifieri qabel ma ġiet reklutata Abdilla bħala *Head Human Resources* f'Marzu 2015

[46] Ara ittra ta' Abdilla lill-Principal attwali tal-MCAST datata 16 ta' Lulju 2018, a fol 6

[47] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tal-24 ta' Settembru 2018, pagna 32

[48] Ara *e-mail* ta' Dr. James Calleja tal-24 ta' Lulju 2018, a fol 44

[49] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-23 t'Awwissu 2018, Para 5.2, pagna 7

[50] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tas-6 ta' Settembru 2018, Para 1.2, pagna 2

*"Mistoqsi dwar ir-relazzjoni tiegħi ma' Josephine Abdilla ... ngħid li sa fejn naf jien dejjem relazzjoni tajba kelli, tant li anke meta jien spiċċajt kienet kitbitli u ċemplitli u qaltli kemm kienet tieħu pjaċir taħdem miegħi. Anke meta wara ħarġet on forced leave kienet ċemplitli u qaltli li l-ewwel persuna li ċemplet biex tinfurmah dwar dan, kienet lili.*

*"Għalhekk ħassejtni għal kollox sorpriż meta kellmuni minn naħa tal-Ministeru u qaluli li rċevew allegazjonijiet serji kontrija, liema allegazzjonijiet saru minn Josephine Abdilla. F'dan l-istadju, jiena mbagħad waqaft nikkomunika magħha totalment.*

*"Jiena naf ukoll b'allegazzjoni u akkuża oħra magħmula minn Josephine Abdilla fil-konfront tiegħi, jiġifieri li jien stajt ħadt xi flus minn uħud li jkunu applikaw biex jaħdmu l-MCAST. Kif għidt lill-Pulizija li bagħtu għalija biex jinterrogawni fil-qafas tal-indagini li qed jagħmlu l-Pulizija dwar l-allegazzjonijiet ta' Josephine Abdilla, nerġa' ngħid hawnhekk, jiġifieri li dan assolutament mhux veru. Dan huwa attakk fuq ir-reputazzjoni u l-integrità tiegħi u niċħdu kategorikament u kompletament".*

29.3 Steve Cachia, Principal ta' qabel, fix-xhieda tiegħu, [51] filwaqt li qal li kien ikollu diżgwid ma' Dr. Silvio De Bono "*għaliex kien jidħol wisq hands-on u fid-dettal tad-deċizjonijiet eżekuttivi li kont naraħom li aktar huma r-rwol tiegħi*", qal car li "*ma naf li rajt l-ebda deċizjoni improprja meħuda miċ-Chairman li setgħet tkun ta' vantaġġ finanzjarju għalih personali jew għall-kumpaniji li kien jiġġestixxi privatament*".

29.4 Ma nġiebet l-ebda prova quddiem il-Bord ta' reklutagg skorrett fis-snin ta' qabel l-ingaġġ ta' Abdilla bħala Direttur tal-HR kif allegat l-istess Abdilla.

Lanqas ma tressqet prova jew indikazzjoni li l-President ta' qabel, Dr. Silvio De Bono, seta' rcieva xi flus b'korruzzjoni dwar reklutaġġ fl-MCAST. L-uniku "*evidenza*" hija dik maħluqa minn Abdilla stess meta bagħtet lit-tifla tagħha fl-istitut privat ta' Dr. De Bono u ħallset €500 għal dan, u dan meta hi stess iddikjarat li ma ntalbitx minn Dr. De Bono tagħmel dan, izda sempliċiment "*ħassitha kostretta*". Abdilla ma spjegatx għal x'hiex, jew minn x'hiex, ħassitha kostretta tagħmel dan.

Waqt ix-xhieda tagħha quddiem dan il-Bord ta' Inkjesta, Abdilla qalet li l-allegazzjoni ta' tixħim fuq Silvio De Bono kienet ċajta: "*it's a joke*" u li "*qed tiċċara li hi mhix qed tagħmel ebda allegazzjoni illi Silvio De Bono kien qed jirċievi xahar paga f'forma ta' kummissjoni mingħand ir-rekluti l-godda tal-MCAST*". [52]

[51] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tas-27 t'Awwissu 2018, Para 2.2, pagna 4
[52] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2018, pagna 53

Xhud li sema' l-Bord u li kien kjarament apologetiku għal Abdilla, jiġifieri Thaddeus Darmanin, *MUT Representative* fl-MCAST, jgħid li ma kellu l-ebda evidenza dwar reklutaġġ skorrett u lanqas dwar il-mod kif ingħataw il-promozzjonijiet fl-MCAST, "*lanqas għandi informazzjoni speċifika jew konkreta ta' xi abbużi finanzjarji li setgħet għamlet l-MCAST jew uffiċjali tagħha; dubji jkollok imma evidenza ma għandix*". [53]

Elaine Catania, *Senior Administrative Officer* fid-Dipartiment tal-HR fi żmien relevanti, tgħid li "*fil-preżenza tiegħi qatt ma smajtha tagħmel allegazzjonijiet ta' prattiċi skorretti serji inkella prattiċi illegali, la fil-konfront ta' Silvio De Bono u lanqas fil-konfront ta' ħaddieħor*". [54]

29.5 Il-Bord fehem li din ma kinetx l-ewwel darba meta Abdilla għamlet allegazzjonijiet nieqsin minn prova. Dr. Silvio De Bono, fix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Settembru 2018, jgħid:

> "*Jiena niftakar f'każ fejn din Josephine Abdilla gidbet fuq il-PA tiegħi, Debbie Vella. Ħadt paċenzja u ħfirtilha flok aċċettajt ir-riżenja li kienet sejra tagħti. L-allegazzjonijiet li kienet għamlet miegħi Josephine Abdilla kienet li Debbie Vella kienet qed tikxef il-grades li jingħataw il-kandidati fl-interviews. Kellimt lil Debbie Vella u din qaltli li dan ma kienx minnu u jien ma kelli l-ebda dubju li Debbie Vella kienet qed tgħid il-verità. Jekk kien hemm persuna li kont nafdaha kienet Debbie Vella. Għalhekk bqajt nikkonfronta lil Josephine Abdilla biex tgħidli l-verità, li għall-ewwel baqgħet tinsisti fuq l-allegazzjoni tagħha u mbagħad, fl-aħħar mill-aħħar, ammettiet li ma kinitx korretta. Kien minħabba f'hekk li mbagħad fl-aħħar għamlet offerta għar-riżenja tagħha*".

Josephine Abdilla fix-xhieda tagħha tiċħad dawn il-fatti. [55] Madankollu l-Bord ta' Inkjesta, meta jikkonsidra l-versomiljanzi involuti, jagħti aktar kredibilità lil Dr. Silvio De Bono fuq dan l-inċident.

29.6 <u>Konkluzjoni.</u> Il-Bord tal-Inkjesta, wara li wieżen ix-xhieda fuq dawn l-allegazzjonijiet ta' Abdilla, u n-nuqqas tagħha li tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha meta mitluba b'mod speċifiku biex tagħmel dan, ra l-assjem ta' dak li rriżulta matul din l-Inkjesta, sema' x-xhieda ta' min kien involut, u jikkonkludi li l-allegazzjonijiet ta' Abdilla dwar tixħim huma bla fondament, u aktarx motivati minn skopjijiet ulterjuri ta' Abdilla li, għar-ragunijiet tagħha, jidher li ppruvat toħloq tracċi ta' reat li ma sarx.

---

[53] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-23 t'Awwissu 2018, Para 5.2, pagna 5
[54] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-28 t'Awwissu 2018, Para 4.2, pagna 6
[55] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2018, pagna 8

30. <u>L-Allegazzjonijiet ta' Abdilla fil-konfront ta' Anthony Saliba, *Grievance Officer*.</u>

30.1 Abdilla tallega li din il-persuna huwa "*a prime stakeholder in the Pathway and this alone is a motivation for pay back against me*".

Abdilla tallega wkoll illi Saliba kien "*connected to the gym abuse where the gym, for years, was being used for personal gains*". [56]

F'komunikazzjoni oħra Abdilla ssejjaħ il-mod kif ingħazel Saliba għal pożizzjoni ta' *Grievance Officer* mingħajr "*public call*" bħala "*illegali*". [57]

30.2 <u>Riżultanzi</u>:

30.2.1 Dwar l-ewwel allegazzjoni, Abdilla, meta xehdet quddiem il-Bord fl-24 ta' Settembru 2018, [58] hija tenniet l-allegazzjoni ta' kondotta improprja ta' Saliba fil-każ tal-*live-ins* tal-Pathway, u qalet "*iva, involut direttament għax GG kien jaqa' taħtu*". Mistoqsija jekk "*inti jirrizulalekx di xjenza proprja tiegħek jekk kemm-il darba Anthony Saliba kienx konness ma' xi aġir improprju fil-Programm Pathway fi żmienek*", hija wieġbet "*lili qed tpoġġini f'pożizzjoni antipatika ħafna, ok, u m'inhix se nirrispondiha*".

Minn ezami tar-Rapport tal-Bord ta' Investigazzjoni dwar il-Pathway tat-12 ta' Mejju 2017, ma tirrizulta ebda konnessjoni ta' Anthony Saliba ma' dak il-każ. Ismu ma jissemmiex b'konnessjoni ma' xi irregolarità.

Quddiem dan il-Bord, Denise Galea Pirotta, li fuq l-ilment tagħha twaqqaf dak il-Bord ta' Investigazzjoni dwar il-Pathway, iddikjarat "*b'mod kategoriku li s-Sur Saliba huwa estranju għal dawn l-affarijiet*". [59]

Anke l-istess Bord ta' Inkjesta dwar il-Programm Pathway, fil-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, bl-ebda mod ma jattribwixxi xi ħtija, la diretta u anqas indiretta, lil GG, [60] u għalhekk anke il-konnessjoni remota allegata minn Abdilla, jiġifieri li Saliba għandu tort għaliex is-subordinat tiegħu GG għandu tort, ma tirrizultax.

30.2.2 Dwar it-tieni allegazzjoni ta' konnessjoni ta' Anthony Saliba ma' min abbuża minn *gym premises* u *equipment* tal-MCAST għal profitt personali, dan kien każ fejn min kien fdat jieħu ħsieb il-*gym* jidher li abbuża mill-fiduċja li ntweriet fih u fetaħ il-*gym* f'ħinijiet mhux normali, inkluż fil-*weekends*, għall-gwadann finanzjarju personali tiegħu.

---

[56] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2018, 0746 hrs, a fol 30

[57] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2018, 0844 hrs, a fol 41

[58] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2018, pagni 45 sa 47

[59] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-23 t'Awwissu 2018, Para 3.2, pagna 1 sa 4

[60] Ara Rapport ta' Bord ta' Inkjesta datat 12 ta' Mejju 2017, a fol 125H sa 125BB

Dan il-każ wassal biex ittieħdu passi dixxiplinarji kontra l-impjegat, li rriżenja fil-kors tal-proċess dixxiplinarju, u mbagħad tressaq il-Qorti wara li l-pulizija ħarġu akkużi kriminali kontrieh. Dan il-persuna ma kienx Anthony Saliba.

Uffiċjal ieħor tal-*management* tal-MCAST - mhux Anthony Saliba - għadda Bord tad-Dixxiplina abbazi li kien akkużat li ma kienx ħa ħsieb jagħmel supervizjoni u *oversight* suffiċjenti, akkuża li waqgħet għaliex il-persuna akkużata inħeles minn kull ħtija minn bord kompost minn persuni totalment indipendenti mill-MCAST. Fl-istess żmien li ġara dan il-każ, Saliba *"lanqas biss (kien) fuq il-campus tal-MCAST f'Raħal Ġdid għax f'dan il-perjodu (kien) responsabbli mill-Istitut Marittimu fil-Kalkara"*. [61] Fir-Rapport tal-Bord tad-Dixxiplina datat 8 ta' Mejju 2016 ma jissemmiex darba, lanqas biss kien fil-lista tax-xhieda. [62]

30.2.3 Dwar il-ħatra ta' Saliba bħala *Grievance Officer*, jirriżulta mix-xhieda tal-Principal attwali li dak li Abdilla tirreferi għalih bħala "*ombudsman*" kien effettivament "*Grievance Officer*", u Anthony Saliba fil-fatt ingħata din il-kariga. Irrizulta li Saliba kien diga' jokkupa l-pożizzjoni ta' Deputat Principal. Id-dmirijiet ta' *Grievance Officer* kienu allokazzjoni ta' dmirijiet addizzjonali li tpoġġew fuq Saliba u ma kienux jikkostitwixxu xi post salarjat ġdid, lanqas ingħata xi żieda fir-remunerazzjoni għal dan l-iskop.

Kif anke jgħid il-President il-gdid tal-MCAST, Frederick Schembri,

> "*deherilna li jagħmel sens li persuna li kienet id-Deputy Principal u li għal xi raġuni jidher li kien imwarrab u ma ngħatax xogħol utli mill-amministrazzjoni (tal-MCAST) ta' qabel, jiġi appuntat fir-rwol ta' Grievance Officer biex ikun jista' jiddedika ruħu ... għal stejjer numerużi li ġew ikellmuna dwarhom il-membri tal-istaff fuqhom u li ma kienux qed iħalluna nikkonċentraw fuq xogħol u riformi oħra neċessarji tal-MCAST .... L-allegazzjonijiet li konna qed nirċievu kienu jduru madwar il-persuna ta' Josephine Abdilla, li kienet tokkupa l-pożizzjoni ta' Head Human Resources u li kienet giet recruited minn Dr. Silvio De Bono fil-bidu tat-term tiegħu fl-2013*". [63]

Il-Bord għalhekk jikkonkludi li hu assurd, f'sitwazzjoni bħal din, li l-persuna responsabbli mit-tmexxija tar-rizorsi umani fl-MCAST tallega li saret irregolarità sempliċement għaliex ma ħarġitx sejħa qabel ġew assenjati dawn id-dmirijiet ġodda.

30.3 <u>Konkluzjoni</u>.

Il-Bord, meta jqis dan kollu fil-kuntest sħiħ, jidhirlu li l-allegazzjonijiet ta' Abdilla fuq Anthony Saliba saru b'mod irresponsabbli u malizzjuż u huma mmirati li jimminaw ir-reputazzjoni tiegħu u tat-tmexxija tal-MCAST.

---

[61] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-28 t'Awwissu 2018, para 3.2, pagna 4

[62] A fol 125BC sa 125BJ

[63] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-23 t'Awwissu 2018, Para 4.2, pagna 6

31. <u>L-allegazzjonijiet ta' Abdilla ta' *witch-hunt / frame-up* fil-konfront tagħha.</u>

31.1 L-allegazzjoni li Abdilla kellha "*reason to believe that I am being outsted*" mill-*management* il-ġdid fl-MCAST u li direttur fi ħdan l-MCAST "*started inciting a couple of people in my own department and now I am being accused of a number of things*"; [64] u li l-Principal il-ġdid Dr. James Calleja "*should stop using people to harass staff at MCAST to say things against me*" u li "*your appointed Chairman and Principal should stop trying to intimidate me and intimidate other people to frame me*"; [65] u li "*I am being framed*"; [66]

31.2 L-allegazzjoni ta' Abdilla illi s-sospensjoni tagħha mix-xogħol kienet riżultat ta' "*I am a Labour fan ... and that I have contacts from the Labour camp*" u li din hi "*political witch-hunt that your Ministry is allowing it to happen*" [67] u li "*my alleged colour of politics ... are very important to get me suspended*".

31.3 Ir-riżultanzi li rriskontra l-Bord ma jindikaw l-ebda *witch-hunt, entrapment* jew xi *conspiracy* kontra Josephine Abdilla mill-oghla ufficjali tal-MCAST.

Dak li jidher li ġara huwa dak li jingħad f'Paragrafu 30.2.3, jiġifieri illi t-tmexxija tal-MCAST kienet qed tirċievi " *stejjer numerużi li gew ikellmuna dwarhom il-membri tal-istaff fuqhom u li ma kienux qed iħalluna nikkonċentraw fuq xogħol u riformi oħra necessarji tal-MCAST .... L-allegazzjonijiet li konna qed nirċievu kienu jduru madwar il-persuna ta' Josephine Abdilla, li kienet tokkupa l-pożizzjoni ta' Head Human Resources u li kienet giet recruited minn Dr. Silvio De Bono fil-bidu tat-term tiegħu fl-2013 ... illi dawn kienu kollha jkellmuni in confidence u jien kont nagħtihom il-kelma tali, pero' jien ma stajtx ninvestiga fuq xi ħadd li jiġi jkellimni u ma jawtorizzanix nikkwotah; għaldaqstant għamilt plea biex dak li jgħiduli jpoġġuħ bil-miktub u Denise Galea Pirotta u membri oħra tal-istaff issottoskrivew dokument twil fejn iffurmulaw dawn l-allegazzjonijiet kontra Abdilla*". [68] [69]

Kif qal il-*Grievance Officer* innifsu, Anthony Saliba, fix-xhieda tiegħu, "*hekk kif Josephine Abdilla indunat li kienu qed isiru ilmenti miegħi kontriha, mal-Prinċipal u anke mal-President, din bdiet tattakka lil kulħadd*". [70] Hija bdiet tallega *frame-up* u li l-ufficjali tal-MCAST kienu qed jinstigaw lill-*istaff* tagħha biex jagħmlu rapporti kontriha, u mbagħad għamlet l-allegazzjonijiet mal-Principal, mal-President u mal-Ministru, liema taw lok għal din l-Inkjesta odjerna.

---

[64] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-21 ta' Lulju 2018 taht titlu "*Framed and Discriminated*", a fol 12
[65] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2018, 0719 hrs, a fol 28
[66] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-20 ta' Lulju 2018, a fol 11
[67] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tat-23 ta' Lulju 2018, a fol 21
[68] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-23 t'Awwissu 2018, Para 4.2, pagna 5 sa 7
[69] A fol 125 sa 125G
[70] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-28 t'Awwissu 2018, Para 3.2, pagna 5

Meta l-President tal-Bord tal-Gvernaturi u l-Principal baghatu għal Abdilla biex ikellmuha dwar ilmenti numeruzi li rċevew fil-konfront tagħha, skond Frederick Schembri, hija mill-ewwel qalet li "*din hija political witch-hunt u ser noħrog ħafna affarijiet u nikkuntattja lil Malta Today*".

Meta fit-23 t'Awwissu 2018 kienet qed tixhed quddiem dan il-Bord Denise Galea Pirotta, li kienet waħda minn dawk li ħadu l-inizzjattiva li jiktbu u jibgħatu l-ittra ta' lment tas-16 ta' Lulju 2018, hija ċaħdet li saret xi pressjoni fuqha biex tagħmel ilmenti kontra Abdilla.

> *"Qed issirli mistoqsija jekk hux minnu illi fi stadju wara li daħlet l-Administration il-ġdida, ċioè iċ-Chairman tal-Board of Governors u l-Principal ġodda, s-Sinjuri Schembri u Calleja, intlabna biex nagħmlu l-ilmenti tagħna dwar il-kondotta ta' Josephine Abdilla bil-kitba u ngħid li Iva, hekk hu. Irrid nispjega li din ma ġietx b'inizjattiva tagħhom li talbuna li nagħmlu x'ilment dwarha, lanqas kien każ li qed jinstigawna nagħmlu hekk. Li ġara kien, b'mod partikolari, li meta tat ir-riżenja anke Elaine Catania minn membru tal-istaff tal-HR, kont ġbidtilhom l-attenzjoni li xi ħaġa jridu jagħmlu għax ma setax ikun li jkomplu jitilqu daqstant nies mid-Dipartiment tal-HR.*
>
> *"Iċ-Chairman tal-Board of Governors u l-Principal il-ġodda, minn naħa tagħhom, kienu infurmawni li lmenti dwar Josephine Abdilla kienu qed jisimgħu minn kullimkien. Tiegħi ma kienx l-ewwel wieħed u kien f'dak l-istadju illi talbu li jekk għandna xi lment inpoġġuh bil-kitba".*

L-istess qalet Elaine Catania, *ex-Senior Administrative Officer* fl-HR Department, u waħda minn dawk li għamlet ilment kontra Josephine Abdilla. Fix-xhieda tagħha, hija tgħid: [71]

> *"Sakemm kont għadni naħdem hemm qatt ma għamilt ilment, la verbali u anqas bil-kitba, mas-superjuri tiegħi. Meta tlaqt għamilt kuraġġ u ilmentajt mal-Prinċipal fuq l-attitudni li semmejt ta' Josephine Abdilla u eventwalment anke għamilt ilment bil-miktub flimkien ma' oħrajn. Dwar dawn l-ilmenti ma nstigani ħadd biex nagħmilhom. Neskludi li s-Sur Saliba seta' ħajjarni b'xi mod biex nagħmel hekk".*

31.4 Huwa sinifikanti wkoll li impjegata fid-dipartiment immexxi minn Josephine Abdilla, meta din tal-aħħar kienet appena ġiet avżata li ser tiġi sospiża mix-xogħol, qalet "*issa nħammeġ lill-partit*".

Dan xehditu u kkonfermatu Kristabelle Buhagiar bil-gurament. [72]

[71] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tat-28 t'Awwissu 2018, Para 4.2, pagna 6

[72] Ara transkrizzjoni tax-xheda tat-13 ta' Settembru 2018, Para 2.2, pagna 2

*"Mistoqsija dwar x'reazzjoni nnutat minn Josephine Abdilla meta din tal-aħħar intalbet tieħu l-forced leave, ngħid li Josephine Abdilla wara daħlet fl-uffiċċju tagħha biex tippakkja l-affarijiet, u fost ħafna affarijiet li bdiet tgħid fuq il-mobile ma' xi ħadd ieħor qalet li ħa tkun żgur li 'se tħammeġ lill-partit wara dak li ġara'. Din hija xi ħaġa ċara li smajtha b'widnejja. Josephine Abdilla ma speċifikatx għal liema partit kienet qed tirreferi".*

Dan il-Bord m'ghandux raguni għal x'hiex ma jemminx din ix-xhieda. Minn dan il-fatt, il-Bord jinkkonkludi li, għar-ragunijiet taghha, Abdilla wżat dawn l-allegazzjonijiet biex tpoġġi lilha nnifisha fil-pożizzjoni tal-vittma.

32. L-allegazzjoni ta' Abdilla li giet permessa sitwazzjoni fejn impjegati kienu qed jitħallsu mingħajr ma jaħdmu.

F'komunikazzjoni lill-Ministru, Abdilla allegat li kien hemm "*Heads of Department who had their people on reduced hours and never spoke out for a number of years and these people were paid in full*". [73]

Il-Bord ta' Inkjesta staqsa lil Abdilla dwar din l-istqarrija ta' fatt tagħha, u talabha tagħti dettalji sħaħ u preċiżi ta' min ipperpetwa dan, jew ippermetta li jsir, għax jekk dan huwa veru, dan jikkostitwixxi reat kriminali.

Abdilla l-ewwel irrispondiet "*mhux dan biss, hemm ħafna aktar ... għandek ukoll każijiet fejn nies baqgħu jitħallsu wara li telqu*". [74]

Il-Bord rega' stieden lil Abdilla biex tissostanzja l-istqarrija ta' fatt li għamlet, jiġifieri li hemm min qed, per eżempju, jaħdem *x* numru ta' siegħat u jitħallas ta' *2x* numru ta' siegħat, u ntalbet tagħmel dan dak il-ħin jew b'*affidavit* aktar tard. L-avukat li kien qed jassisti lil Abdilla wissieha li "*jekk ma tkunx ċerta ta' dak li qed tgħid se tkun qed takkuża n-nies ta' reat kriminali li mhuwiex minnu*". Hawn hekk Abdilla bdiet tgħid "*imma d-dettalji rrid infititxhom*". Il-Bord fakkarha li setgħet tieħu l-ħin tagħha biex tgħaddi dettalji u tikkorobora dak li allegat. Hija wegħdet lill-Bord "*Iva se nagħtihomlkom*".

Sad-data ta' dan ir-Rapport, aktar minn ħames xhur wara li ntalbet tagħti din l-informazzjoni, il-Bord ma rċieva xejn mingħand Josephine Abdilla dwar ħlas indebitu għal dmirijiet mhux imwettqa, jew dak li jissejjaħ assentijizmu. Ma' dokumenti li ntbagħtu lil Bord fit-28 ta' Settembru 2018, [75] Abdilla tat istanzi ta' kif uħud mill-*full-time lecturers* gew allokati 12 'il siegħa *lecturing duties* meta setgħu ingħataw sa 19 'il siegħa. Kien hemm ukoll każijiet ta' *payroll discrepancies* u osservazzjonijiet oħra tat-tip li jiġu nnutati f'*internal audits*. Dan kollu iżda, għalkemm jista' jissejjaħ użu ineffiċjenti tar-riżorsi umani, ma jikkostitwix l-abbuż sistematiku u illegali allegat minn Abdilla li neċessarjament jinftiehem fis-sens ordinarju tiegħu, cioe' li kien hemm impjegati li b'qerq kienu qed jirċievu ħlas ta' xogħol li ma jwettqux.

Ghalhekk lanqas din l-allegazzjoni ta' Abdilla ma giet minimament ippruvata u hija fiergha.

[73] Ara *e-mail* ta' Abdilla lill-Ministru tal-24 ta' Lulju 2016, 0655, a fol 26

[74] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2018, pagni 35 / 36

[75] A fol 136 sa 180

G. L-Allegazzjonijiet kontra Abdilla: Riżultanzi u Konkluzjonijiet.

33. L-allegazzjonijiet li għamlu diversi impjegati fid-dipartiment tal-*Human Resources* fl-MCAST kontra Abdilla huma deskritti f'Paragrafu 26 ta' dan ir-Rapport u bażikament huma ta' żewġ tipi:

i. li l-istil tagħha kien aggressiv u intimidatorju lejn is-subordinati, jekk mhux ukoll lejn l-ufficjali fil-livell tagħha, u deskritt bħala "*bullying and harassment, intimidation, ridicule, aggressive nature, hostility, oppression and fear, inconsistency*" u li Abdilla "*shouts angrily and furiously at them ... shrilling at contracted employees including housekeepers and their supervisor and security officers ... with staff members evidently upset and noticed emerging crying from Josephine Abdilla's office*";

ii. li hija nstigat subordinati tagħha li jagħmlu irregolaritajiet fir-reklutaġġ u fl-għazla ta' kandidati għal *staff vacancies*, inkluż diskriminazzjoni illegali, u li anke jibdlu jew jiffalsifikaw dokumenti ufficjali tal-MCAST bħalma huma *score sheets* tal-intervisti ta' kandidati.

34.1 Allegazzjonijiet ta' stil ta' aggressjoni, intimidazzjoni, *bullying*, oppressjoni fil-konfront tal-impjegati tagħha.

Apparti dak li qalu membri numeruzi tad-dipartiment mmexxi minn Abdilla fl-ittra tagħhom lil Principal tas-16 ta' Lulju 2018, u apparti l-ittra ta' Alex Wright [76] - diga' ttrattati aktar 'il fuq - ħareg minn prattikament kull xhud impjegat tal-MCAST li Abdilla kienet tagħmel il-ħajja fuq il-post tax-xoghol intollerabbli ghal haddiehor.

Uhud ma setgħux jissaportu iżjed u telqu, kif għamlu Charlene Azzopardi, Elaine Catania, Denise Galea Pirotta u AA.

Elaine Catania, *Senior Administrative Officer* fl-MCAST, irrizenjat; fix-xhieda tagħha hija qalet "*li ddeċidiet li titlaq mill-MCAST minħabba l-attitudni ta' Josephine Abdilla li kienet is-superjura tagħha. Kienet tgħajjat miegħi il-ħin kollu bħal ma kienet tagħmel ma' kulħadd. Anke jekk nagħmel xi ħaġa li nammetti li stajt għamiltha aħjar, fil-korrezzjoni kienet tumiljak u tibqa' tagħmililek u tfakkrek fiha konstantament. Riżultat tal-istress ikkawżat mill-attitudni ta' Josephine Abdilla, il-kundizzjoni tal-ażma li għandi iddeterjorat b'mod u manjiera li kien jittrigerja attakki li minħabba fihom kien ikolli mmur id-dar*". [77]

[76] A fol 125 sa 125G u a fol 125DA sa 125DB

[77] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tat-28 t'Awwissu 2018, Paa 4.3, pagna 5

Kristabelle Buhagiar, *Administrative Officer* fl-HR Dept, xehdet hekk: "*Jien ngħid li l-ilment tagħna kien idur mal-fatt li Josephine Abdilla kienet iġġib ruħha magħna, l-istaff tal-Administration Office, b'mod aggressiv u b'mod li kienet tagħmlilna ħajjitna diffiċli għall-ebda raġuni valida ... Ngħid ukoll li kienet tinstiga nuqqas ta' koperazzjoni bejn id-Dipartiment tal-HR u dipartimenti oħra, b'mod partikolari dak tal-Finance. Il-kliem preċiż tagħha kien: 'Tgħinux lill-Finance Department ħlief meta nagħtikom permess jiena!*" [78]

Il-Principal u l-President attwali jgħidu li rċevew lment minn ex-impjegat fis-sens li Josephine Abdilla kienet qalet "*I can make your life hell and I know exactly how to do it*". [79]

34.2 Dr. Tyrone Grima, eks-Direttur tal-*Creative Arts*, persuna *senior* ferm fil-ġerarkija akkademika, mistoqsi mill-Bord [80] dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Josephine Abdilla, jgħid li kienet ħażina ħafna. Jgħid li Abdilla kienet aggressiva, *bully* u ma tafx taħdem f'*team*, u li kienet taqla' kwistjonijiet fuq kollox. Jgħid li l-Principal, Steve Cachia, kien dgħajjef wisq, filwaqt li Dr. De Bono u Abdilla kienu qrib ħafna. Jgħid li kien ikollu l-kwistjonijiet ma' Josephine Abdilla għaliex ma kienx joqgħod għal li kienet tkun trid hi.

34.3 Dan il-Bord ta' Inkjesta jħoss li għandu jiddeplora t-tmexxija preċedenti tal-MCAST għal li kienet taf b'din is-sitwazzjoni u ma għamlet xejn dwarha. Ma jagħmilx sens li l-istituzzjoni kellha *Mission Statements* fejn jingħad kemm l-impjegati huma importanti li jigu motivati, meta mbagħad titħalla għaddejja sitwazzjoni ta' intollerabilità simili fl-istess istituzzjoni, anzi fl-istess dipartiment tal-HR.

Il-Principal, Steve Cachia, fix-xhieda tiegħu wera li kien konxju sew bil-"*problema ta' Josephine Abdilla li kellha attitudni u management style li kien abrupt u li ħafna mis-subordinati tagħha jew li kienet responsabbli għalihom kienu jgħiduli li kienu terrorizzati u jibżgħu minnha; dan għaliex kienet kapaċi tkun mhux biss tough izda anke rough u kienet tgħajjat ma' dak li jkun*". [81]

L-istess Steve Cachia jikkonferma wkoll fl-istess xhieda li kien ikollu lmenti ripetuti dwar l-attitudni ta' Josephine Abdilla, anke mir-rapprezentant tal-UHM li kienu jirrapprezentaw lin-*non-administrative staff*.

L-istess Steve Cachia wera li kien jaf tajjeb li "*Josephine Abdilla kellha tendenza - liema tendenza kienet magħrufa kemm mis-superjuri tagħha kif ukoll mis-subordinati tagħha - li kienet taf u kapaċi timmanipula biex iġġib sitwazzjoni li tixtieq hi, jiġifieri li tasal fejn tixtieq tasal; minħabba f'hekk, ħadd ma tant kien jafdaha mill-istaff tal-MCAST, la ta' fuqha u lanqas ta' taħtha; kien ikollha ħafna clashes ma' kollegi tagħha; b'mod partikolari kellha clash kostanti mal-Head Finance ... jien kien ikolli nidħol f'ħafna każijiet biex nikkalma s-sitwazzjoni għaliex kien ikun hemm incidenti bħal dawn b'mod kostanti*".

[78] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tat-13 ta' Settembru 2018
[79] A fol 67; issir referenza għall-istess ukoll fix-xhieda ta' James Calleja tas-17 t'Awwissu 2018
[80] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-3 ta' Jannar 2019, Para 2
[81] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tas-27 t'Awwissu 2018, Para 2.2, pagna 3.

Dan il-Bord jidhirlu li agir irrazzjonali u distruttiv bħal dan - proprju il-maqlub tal-kwalitajiet li għandu jkollu persuna li jmexxi r-rizorsi umani f'istituzzjoni edukattiva f'livell terzjarju - ma hemmx postu f'Malta tas-snin elfejn. Agir bħal dan ifixkel, flok jaġevola, relazzjonijiet tajba mal-ħaddiema; lanqas jispira atmosfera ta' motivazzjoni. Dan ma kellux jiġi tollerat mit-tmexxija tal-MCAST li b'intervent korrett u f'waqtu setgħu evitataw ħafna konsegwenzi negattivi li ħolqu tbatija u preġudizzju lil ħafna persuni, ibda mill-impjegati stess, u spiċċa fl-istudenti.

34.4 In-nuqqas ta' ko-operazzjoni bejn Abdilla u l-*Finance Department*.

In-nuqqas ta' ko-operazzjoni bejn id-dipartimenti tal-HR u dak tal-Finanzi li hareġ evidenti fix-xhieda ta' Kristabelle Buhagiar u tal-Principal Steve Cachia, ma setax ma jsarrafx f'inċidenti li jimbarazzaw lill-MCAST u jikkawzaw tbatija bla bzonn lill-istudenti, ossia dawk li għandhom ikunu r-*raison d'être* għall-investiment massiċċ tal-pajjiż fl-MCAST, li fil-verità spiccaw il-vittmi innoċenti ta' dan id-diżgwid.

Fil-fatt f'Jannar 2019 żbruffat tilwima industrijali bejn l-MCAST u l-MUT. Din tal-aħħar allegat li wara li ġie ffirmat Ftehim Kollettiv gdid fl-2018 'l fuq minn 186 *lecturer* kienu qed jirċievu s-salarju kkalkulat ħażin u wasslet biex l-MUT tat direttivi lil membri tagħha, li whud kienu jolqtu b'mod ferm ħażin lill-istudenti tal-MCAST. Din is-sitwazzjoni issa ġiet riżolta. Il-Bord talab rapport dwar dan u rċieva *Memorandum* datat 12 ta' Jannar 2019 u ffirmat mid-Deputat Principal, Anthony Saliba, [82] fejn huwa jgħid li għal dan l-inċident *"the major cause (was) the very weak, almost inexistent collaboration between MCAST's former HR and and Finance Departments, headed by Ms Josephine Abdilla and Mr Pierre Sammut respectively"*.

[82] A fol 249 sa 252

35. <u>Irregolaritajiet serji f'*interviews* għal reklutaġġ u falsifikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali.</u>

35.1 Din it-tieni allegazzjoni saret minn Denise Galea Pirotta, Elaine Catania u Kristabelle Buhagiar fil-konfront ta' Abdilla. It-tlieta li huma intalbu, b'mod separat, biex jixhdu b'żieda ma' dak li kitbu. Dawn it-tliet persuni ikorroboraw il-verzjoni ta' xulxin.

Aktar minn hekk, il-verzjoni tagħhom kienet korroborata wkoll minn Dr. Nadia Vassallo u Dr. Tatiana Chircop, żewġ persuni f'kariġi għolja li ma kienux jiffurmaw parti mid-dipartiment tal-HR. Ilkoll ikkonfermaw l-attentati ta' Abdilla li tinfluwenzahom jagħmlu għażla deliberatament ħażina biex jiffavorixxu kandidat partikolari. Dr. Nadia Vassallo u Dr. Tatiana Chircop xehdu li minkejja l-pressjoni li ġarrbu f'dan ir-rigward, huma ma waqgħux għan-nasba.

35.2 **Denise Galea Pirotta** xehdet fil-laqgħa tat-23 t'Awwissu 2018. Ta' interess partikolari huwa meta tgħid:

> *"Biex jirnexxilha tagħmel dak li trid, Mrs Abdilla kienet ukoll tinvoka u tikkwota lill-awtoritajiet jew membri awtorevoli oħra. Dan ġara, per eżempju, meta f'Interviewing Board partikolari, jiena u membru ieħor tal-Interviewing Board, ċertu Frank Dalli, konna tajna 'fail' lil kandidat li ma sibnihx tajjeb għall-part-time lecturing post li kien applika għalih fis-settur tal-automotive. Wara li aħna tajna dan il-fail, Mrs Abdilla rrabjat ħafna, tal-inqas miegħi, għaliex ippretendiet li dan kellu jiġi approved u kienet qed tinvoka ċ-Chairman tal-MCAST, Silvio De Bono, u tgħid li dan tal-aħħar riedu "at all costs". Wara sirt naf li dan il-kandidat, ZZ, xorta daħal fl-istaff tal-MCAST għalkemm mhux għal dak il-post li kien applika u li għalih ma kkwalifikax.*
>
> *"Għalkemm Mrs Abdilla kienet tagħmel diskriminazzjoni jew favoritiżmu fir-recruitment u fil-promotions, ma jirriżultalix li dan kien ikun a bażi ta' politika partiġjana. Pjuttost, ikolli ngħid, id-diskriminazzjoni tagħha kienet intiza li tilħaq l-iskop tagħha u ta' dak li kien jogħġob lilha jew li ma kienx jogħġobha.*
>
> *"Ms Abdilla kienet teżerċita pressjoni kbira fuq l-interviewing board members, inkluż fuqi, biex il-marki jew il-grades li jingħataw fl-interviews ikunu tali li jġibu r-riżultat li tkun trid hi.*
>
> *"Saħansitra, f'darba minnhom, ġiegħlitni nibdel l-iscores u r-ratings li kont tajt qabel b'mod awtonomu fl-Interviewing Board.*
>
> *"Kif għidt kienet tgħid li kien ikun iċ-Chairman tal-MCAST li jagħtiha l-istruzzjonijiet iżda jien ma nafx jekk dan hux minnu għaliex lili Dr. De Bono qatt ma kien kellimni f'dan is-sens.*
>
> *"Din l-attitudni kienet totalment insapportabbli u li kienet minħabba f'hekk li jiena, minn ftit wara li qbadt naħdem hemm, bdejt infittex xogħol ieħor biex nitlaq minn dan il-post.*

*"Mistoqsija jekk nafx xi ħaġa dwar xi inċident f'interview fejn kienet involuta bħala Chairperson tal-Interviewing Board, Dr. Nadia Vassallo, ngħid li iva naf. Dan kien wieħed mill-aħħar każijiet u kien każ ferm ikraħ. Dan kien każ fejn Josephine Abdilla kienet appuntat lili u lil Dr. Vassallo fuq Interviewing Board u lili ordnatli li kellha tiġi l-ewwel għal dan il-post ta' lecturer fl-Ingliż, ċerta KK. Qaltli: "Make sure li tiġi l-ewwel".*

*"Qaltli wkoll biex bħala l-HR Manager ngħaddi l-istruzzjonijiet f'dan is-sens lic-Chairman tal-Interviewing Board li ma kienetx membru tal-istaff tal-HR Administration. Din kienet Dr. Nadia Vassallo. Allura Josephine Abdilla tatni struzzjonijiet biex ngħid lil Dr. Vassallo biex taġixxi bl-istess mod għax dil-kandidat Lindsay Dimech hija 'strongly recommended'.*

*"Jiena ppruvajt ngħid lil Dr. Vassallo dak li ordnatli Josephine Abdilla iżda Dr. Vassallo qatgħetli fil-qasir u qaltli: 'Tgħidlix b'dawn l-affarijiet irregolari! Ma rridx inkun naf! Jien se nagħmel dak li hu dmiri li nagħmel u nagħti l-grades kif jidhirli l-aħjar skond il-kuxjenza tiegħi'. Sar l-interview u effettivament, meta tieħu l-grades kemm li tajt jien kif ukoll dawk ta' Dr. Vassallo, KK ma ġietx l-ewwel.*

*"Wara jien kelli ngħarraf b'dan lil Josephine Abdilla. Malli għedtilha, din indannat u bdiet twerżaq u tgħajjat. Staqsietni ripetutament jekk jien kontx ħadt ħsieb li nġibha l-ewwel u jien ikolli ngħid li, bejn għax kont fuq probation u bejn għax kont qed inħossni totalment suġġettata għall-bullying ta' Mrs Abdilla, jien kont ġibt lil KK l-ewwel u għidtilha: 'Iva, jien ġibtha l-ewwel'.*

*"Mrs Abdilla qalet li se tieħu azzjoni kontra Dr. Vassallo li ma kinitx qed tkun konformi ma' ordnijiet superjuri u li kellha ċċempel fejn kellha ċċempel biex tirrapurtaha.*

*"Mistoqsija jekk ratx tibdil fl-attitudni ta' Josephine Abdilla bejn meta kien għadu Chairman Silvio De Bono u wara li telaq, ix-xhud issemmi inċident fejn kien hemm każ ta' Interviewing Board għal Lecturer fl-Accounting fl-MCAST ta' Għawdex.*

*"Konna f'dan il-bord jiena u tnejn oħra. Lili ordnatli biex nagħti marki għolja ħafna lil applikant partikolari għaliex, skond hi, din il-persuna, riedha Dr. De Bono. Hekk għamilt. Però bil-marki tal-membri l-oħra, dil-persuna spiċċat ma ġietx l-ewwel, u Josephine Abdilla rrabjat ħafna. Wara li rriżenja Silvio De Bono minn Chairman, Mrs Abdilla reġgħet ikkuntattjatni u qaltli, 'Fuq kollox kont naive jien biex ngħidlek tgħolli l-marki ta' dik il-kandidata. Issa li telaq Silvio De Bono u la darba l-marki għadhom għandek ħa nerġa' ngħidlek biex terġa' tbaxxihom'.*

*"Nerga' ngħid li Silvio De Bono lili qatt ma kellimni jew tani struzzjonijiet x'nagħmel fl-Interviewing Boards".*

35.3 **Elaine Catania**, *Senior Administrative Officer* fil-*Human Resources Department*, fix-xhieda tagħha tat-28 t'Awwissu 2018 qalet:

> *"Irrid insemmi inċident fejn jiena u Denise Galea Pirotta konna fuq Interviewing Board għal post ta' clerk. Matul l-interview, Josephine Abdilla baghtet għalija u qaltli: 'Isma' hemm kandidat partikolari u li dan importanti li jingħażel'. L-interview ta' dan il-kandidat partikolari kien tali li kemm jien kif ukoll Denise ħassejna li kien fqir ħafna u konna aħna tal-fehma li kellu jkun failed. Niftakarni noħroġ mill-kamra u ċempilt lil Josephine Abdilla u spjegajtilha li kont se niffejljah għaliex ħareġ ħażin ħafna. Effettivament dal-kandidat kien failed. Jien ħriġt bil-leave u meta ġejt lura insibu jaħdem hemm, anke jekk fi rwol differenti. Staqsejt lil Denise x'kien ġara u din qaltli li Josephine Abdilla insistiet li dan għandu jidħol xorta".*

35.4 Dak li xehdet Denise Galea Pirotta gie kkoroborat indipendentament ukoll minn **Dr. Nadia Vassallo,** Direttur tal-*Curriculum and Learning Support Unit* tal-MCAST.

M'hemmx aħjar milli l-parti sostantiva tax-xhieda tagħha tiġi riprodotta testwalment. Meta hija xehdet bil-ġurament nhar it-28 t'Awwissu 2018, hija stqarret:

> *"Jien kont frekwenti ferm fuq Interviewing Boards, l-aktar għar-reklutaġġ ta' lecturers fil-Malti, Ingliż, Maths, Entrepreneurship u anke suġġetti oħrajn. Dan wara li kont ikun jien stess li nkun issenjalajt li hemm vacancy u tkun ħarġet Call for Applications. Normalment, fl-Interviewing Boards li jien attendejt jiena kont naġixxi ta' Chairperson. Dawn l-Interviewing Boards ikunu komposti minni u minn rappreżentant tal-HR, jew inkella meta ma jiġix rappreżentant tal-HR jintbagħat xi ħadd mill-HR bħala osservatur. Ġieli kien jattendi rappreżentant tal-Ministeru ..... Ikun hemm ukoll persuna li tkun speċjalizzata fis-suġġett li għalih tkun saret il-Call for Applications għal-lecturer u ovvjament ikun hemm il-Kap tad-Dipartiment li fid-Dipartiment tiegħu jkun hemm il-vacancy. Ġeneralment, dawn l-interviews isiru fil-Boardroom tal-HR Department. Ġieli saru wkoll fl-uffiċċju tiegħi fil-każ meta l-Boardroom tal-HR tkun okkupata.*
>
> *"Ma niftakarx illi kien hemm okkażjonijiet meta attendew nies oħrajn għal interview iżda possibilment kien hemm każ wieħed, però dan ma kienx każ ta' lecturer iżda kienet vacancy ta' Administrative Officer fid-dipartiment tiegħi fejn Josephine Abdilla, Head HR - li ma kienx normali li tattendi għall-Interviewing Boards - f'dal-każ kienet attendiet anke jekk ma kinitx membru formali tal-board. F'dan il-każ ukoll, Josephine Abdilla kienet tat recommendation qabel l-interview li noqgħodu attenti possibbilment neskludu wieħed mill-applikanti għax kien avvanzat fl-età. Kienet qaltli wkoll li għandu reputazzjoni li jieħu ħafna sick leave. Effettivament dil-persuna marret tajjeb ħafna fl-interview, insistejt li tiġi magħżulha u ntagħżlet u fil-fatt dil-persuna marret tajjeb ħafna.*

*"Kien hemm inċident serju riċentament li fuqu rrid nitkellem. Effettivament dan ġara fis-16 ta' Lulju 2018 meta allura kienu diġa' daħlu kemm iċ-Chairman Frederick Schembri kif ukoll il-Prinċipal u CEO James Calleja. Dwar dan l-inċident jien mill-ewwel irrapurtajt lill-Viċi Prinċipal, l-Inġ. Vincent Maione kif wkoll lil Dr. Calleja u s-Sur Schembri, anke jekk mhux fl-istess ġurnata.*

*"Dawn l-interviews kellhom isiru fis-16 ta' Lulju 2019 għal posts varji u li għalihom kien hemm diversi kandidati. Speċifikament kien hemm żewġ calls għal full-time lecturer fl-Ingliż kif ukoll għal part-time lecturer fl-istess suġġett. Kien ġara li dakinhar kmieni fil-għodu li kellhom isiru l-interviews, ċempilli ċertu Kenny Muscat, Deputy Director tad-Dipartiment tiegħi – u li kien intenzjonat li jkun miegħi fuq l-Interviewing Board – li se jkollu jirraporta sick. Kien ippanikjat u żgur li ma kienx pjaċir tiegħu, u lanqas tiegħi, għax issa ridna nsibu replacement malajr. Kellimt mill-ewwel lil Denise Galea Pirotta mill-HR u għidtilha b'li ġara u biex naħsbu f'replacement. Denise qaltli li se tkellem lil Josephine Abdilla u tkellimni lura. Ċemplet lura li Josephine Abdilla qaltilha li m'hemmx għalfejn insibu replacement u li l-Interviewing Board kellu jibqa' kompost miż-żewġ persuni li baqa' – minni, Nadia Vassallo, u minn Denise Galea Pirotta.*

*"Eżatt qabel ma bdew l-interviews, Denise qaltli: 'Għandi bżonn inkellmek'. Għalqet il-bieb u qaltli: 'Isma', li rrid ngħidlek hu li Josephine Abdilla qaltli li hemm persuna partikolari rakkomandata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni'. Jiena waqqaftha fil-pront. Għidtilha: 'Ma rrid inkun naf xejn, la x'jisimha u lanqas il-ġender. Hawnhekk, jekk se tkellimni hekk se jkolli nwaqqaf il-proċess'.*

*"Fil-passat jien kont ħdimt kemm ma' Denise Galea Pirotta kif ukoll ma' Josephine Abdilla. Ma kellix problemi partikolari iżda kellhom karattri u attitudnijiet differenti. Ma' Galea Pirotta kont nitkellem on equal terms ta' żewġ kollegi iżda ma' Josephine Abdilla, minbarra li kienet is-superjur tiegħi, kienet persuna li konna nirreferu għaliha bħala 'God Almighty'. Kellha ego kbir. Meta lil Denise Galea Pirotta qtajtilha barra u għidtilha li jien ma rridx nisma' bi kwalunkwe rakomandazzjoni ġejja minn fejn ġejja, din qaltli: 'Marelli, x'waħda se tagħamilli! Kemm se tirrabja miegħi u x'se tagħmilli Josephine Abdilla fuq id-deċizjoni tiegħek!'. M'għandix dubju li din Denise Galea Pirotta kienet genwina u li kienet qed tgħid il-verità u kienet inkwetata kif ser taqbad tirraporta b'li ġara lis-superjur tagħha Josephine Abdilla.*

*"Bdejna l-interviews u jiena insistejt ma' Denise li, fejn ġie li aħna konna nagħtu voti konġunti wara li niddiskutu, minħabba f'li ġara, se ninsisti li Denise tivvota u tagħti l-gradi hi u jien se nagħti l-gradi tiegħi b'mod separat u identifikabbli. L-interviews bdew u komplew sa, bejn wieħed u ieħor, is-sagħtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar. Jiena ridt li mill-ewwel immur nirraporta dan l-inċident u mort kellimt lid-Deputat Prinċipal, l-Inġ. Maione li qalli: 'Iva, din ħaġa serja u jien se nirrapurtaha lis-superjuri tiegħi'. L-Inġ. Maione tani s-support kollu dwar dak li ġara u r-reazzjoni u l-komportament tiegħi. Kien l-Inġ. Maione li dakinhar stess irraporta lill-Prinċipal. Dakinhar, jien lill-Prinċipal ma kellimtux.*

*"Xi jumejn wara dan l-inċident, kelli interviews ġodda ma' Denise Galea Pirotta. Qabel ma bdejna l-interviews, din qaltli fuq dak li ġara. Qaltli li Josephine Abdilla kienet se tuġżani lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru, Dr. Frank Fabri, biex hu jkun jaf min jobdi u min ma jobdix id-direttivi tiegħu ... Irrid ngħid ukoll li Denise Galea Pirotta ma kinitx irrabjata għalija. Hi kienet sempliċiment qed twassal dak li kienet qed tgħidilha is-superjur tagħha u jien lil Denise serraħtilha moħħha biex ma tinkwetax iż-żejjed. Ta' dak li għamilt, jien kont konvinta minnu u kont se nġorr ir-responsabbiltà tiegħu. Jiena u Josephine Abdilla, dwar dan l-inċident, ma tkellimnix sa dakinhar.*

*"Kif għidt qabel, l-inċident ġara t-Tnejn u l-Erbgħa erġajt iltqajt għal interviews oħra ma' Denise. Spjegajt ukoll li f'din it-tieni laqgħa li kelli l-Erbgħa ma' Denise din qaltli li Josephine Abdilla kienet irrabjata għalija u kienet se tirrapurtani. Għalhekk, kif spiċċajna l-interviews l-Erbgħa, erġajt mort nirraporta lill-Inġ. Maione. Meta mort, kien hemm preżenti wkoll il-Prinċipal Dr. Calleja u allura kellimt lit-tnejn flimkien. Erġajt għidt dak li kont għedt lill-Ing. Maione t-Tnejn, jiġifieri li jekk jiġi xi ħadd jgħid li jien ma segwejtx xi rakkomandazzjonijiet li rċevejt, dan kien kollu veru. Dan kien prinċipju tiegħi u nassumi r-reponsabbiltà tiegħu u jekk hemm bżonn nerġa' nagħmilha.*

*"Il-Ġimgħa, 20 ta' Lulju 2018 ċemplitli Josephine Abdilla b'mod kalm u qaltli li tixtieq tkellimni. Mort inkellimha fl-uffiċċju tagħha. Kienet kalma u wara ftit irreferiet għall-inċident tat-Tnejn. Hija assumiet il-paternità tar-rakkomandazzjoni li waslet għandi tramite Denise Galea Pirotta t-Tnejn meta saru l-interviews. Meta semmituli għidtilha: 'Iva, dak kollu veru. Irrifjutajt illi biss nisma' x'kienet ir-rakomandazzjoni'.*

*"Josephine Abdilla qaltli l-kliem preċiż: "Ħażin għamilt għax missier din il-persuna seta' jgħin ħafna lill-MCAST'.*

*"Għidtilha: 'Tajjeb mela. Allura jien għandi tlett itfal, kollha bid-degrees u l-masters u għax missierhom ma jistax jgħin lill-MCAST m'hemmx xogħol għalihom!' Għal dan il-kliem Josephine Abdilla qamet minn fuq il-mejda fejn konna qed niltaqgħu, kienet fidgety u qaltli, 'Isma' lili m'għamiltli xejn ta', u l-inċident waqaf hemmhekk.*

*"Minn dakinhar 'l hawn ma kelli ebda kuntatt ieħor ma Josephine Abdilla.*

*"Wara dan l-inċident jiena ktibt e-mail lis-Sur Anthony Saliba - li sadanittant kien ġie appointed fid-dmirijiet ta' Grievance Officer - u għidtlu dwar l-inċident. Sirt naf wara li din l-e-mail spiċċat għaddiet għand iċ-Chairman, u hekk is-Sur Schembri sar jaf".* [83]

[83] Ix-xhud għaddiet kopja ta' dan id-dokument lil Bord, a fol 127A sa 127C

35.5 Xhud iehor li jikkorobora lix-xhieda ta' qabel hija **Dr. Tatiana Chircop**, *Head of Foundation College* tal-MCAST. Hija xehdet fit-13 ta' Settembru 2018, u qalet hekk:

> *"Jien kien ikolli kuntatt kontinwu mal-HR. Niftakar okkazjoni partikolari fejn minħabba l-mod arroganti li bih abitwalment kienet tkellimni Josephine Abdilla, jiena għedtilha: 'Isma', lili tiblagħnix jekk tkellimni. M'hemmx għalfejn tgħajjat miegħi u tkun aggressiva miegħi!'.*
>
> *"Inċident ieħor li rrid nirreferi għalih huwa każ ta' Interviewing Board għal post mal-Programm Pathways ta' Għawdex.* [84] *Niftakar li Josephine Abdilla ċemplitli u qaltli li tixtieq li tingħażel applikanta partikolari. Qaltli li dik l-applikanta, jew inkella n-nies konnessi magħha, meta ġejna bżonnhom, qdewh lill-MCAST. Qaltli 'Jekk ma naqduhomx ma nkunux nistgħu nibqgħu nippretendu l-istess koperazzjoni minn għandhom. Anke minnek, nippretendi li tgħinni f'din ħalli meta tkun trid xi ħaġa mill-HR inkunu nistgħu ngħinuk ukoll'. Jiena rrispondejtha u għidtilha: 'Sinjura Abdilla, jiena dawn l-affarijiet ma jogħġbunix u ma naddottahomx. Jien nagħmel dak li tgħidli l-kuxjenza u fl-Interviewing Boards nimxi kif suppost".*

35.6 Affarijiet oħra li ssemmi Dr. Tatiana Chircop huma dawk kontenuti fl-*email* tagħha tal-31 ta' Lulju 2018, [85] (u li l-istess xhud ikkonfermat l-awtenticità tal-istess *e-mail* meta xehdet fit-13 ta' Settembru 2018), liema jindikaw **diskriminazzjoni illegali u sfaċċata** li kienet qed tipprova tinstiga Abdilla. Dr. Chircop tgħid:

> *"When the Interviewing Board for Student Mentors (Gozo) had finished the interviews and I, as Chairperson of the Board, forwarded the results to HR, it turned out that the 1st placed, when called to be recruited, told HR offices that she was pregnant. Ms Abdilla called me saying the Board should not have placed her 1st as it now puts HR in a difficult situation in that if they recruit her, they would be paying her for nothing in the first few months ... When I said we cannot discriminate a candidate just because she is pregnant, she said that the board members should have realised the candidate was pregnant. She also said that the Board should have asked the candidate whether she was pregnant".*

Dan ifisser li meta l-awtoritajiet governattivi jilleġislaw u jinkoraġixxu tibdil soċjali biex iżidu l-mobilità tax-xogħol u l-parteċipazzjoni dejjem akbar tas-sess femminili fid-dinja tax-xogħol, id-Direttur tal-HR fl-MCAST kienet qed tiddiskrimina abbazi ta' sess kontra kandidati (femminili) għal impjieg li jkunu qed jistennew tarbija.

Dr. Chircop issemmi kaz iehor ta' diskriminazzjoni arbitrarja li ppruvat tinstigaha tagħmel Abdilla. Hija tgħid:

[84] F'liema *Interviewing Board* Dr. Chircop kienet *Chairperson*

[85] A fol 125DD u 125DE

*"During another batch of interviews for Student Mentors, the HR Administration Manager (Abdilla) came in to the interviewing room between interviews asking if a particular candidate's portfolio was OK. As Chairperson, I asked what she meant by OK. The HR Administration Manager said that she had seen the candidate in the waiting area and thought he seemed too young ... I said this was offensive as there seems to be no faith in the Chairperson's eligibility analysis process, the interviewing board members and the interviewing process itself. I said I did the eligibility analsyis as Chairperson and the candidate was eligible ... the lack of trust in the Interviewing Board nominated by MCAST was evident, basing judgement on appearance".*

Dr. Chircop issemmi okkazjoni oħra meta cemplitilha Abdilla biex "*twissiha*" li hemm xi ħadd li kien impjegat diġa' mal-*Foundation College* tal-MCAST bħala skrivan u li bi ħsiebu japplika għal post ta' *Administrative Officer* u / jew *Senior Administrative Officer* u li "*he is not eligible*". Dr. Chircop qaltilha li ma setgħetx tiċħadlu d-dritt li japplika *a priori*.

35.7 Il-Bord staqsa lil **Kristabelle Buhagiar**, *Administrative Officer* fl-HR, meta dehret quddiemu fit-13 ta' Settembru 2018, jekk qattx innutat xi prattika skorretta. Hija wiegbet:

*"ngħid li iva u dan kien f'reklutaġġ irregolari. Jiena naf – u dan nafu bi xjenza propja għax nafu jien direttament u mhux għax smajtu mingħand ħaddieħor – illi per eżempju hemm każ wieħed partikolari fejn il-persuna li daħlet taħdem fl-MCAST daħlet minkejja li ma kinitx tissodisfa ir-rekwiżiti tal-call for applications.*

*"Jiena se nagħti d-dettalji ta' dan il-kaz: naf li l-persuna involuta daħlet sales co-ordinator ġewwa l-MG Two-One. Din jisimha XX u daħlet bil-grade ta' Senior Administrative Officer. Iċ-ċertifikati tagħha huma ta' MQF Level 3 meta sabiex tidħol sa Administrative Officer ġewwa l-MCAST trid ikollok il-Level 4 certification, aħseb u ara Senior Administrative Officer. Għal din l-iskorrettezza kienet responsabbli Josephine Abdilla għaliex kienet hi li kellha r-responsabbiltà li tara li min japplika u jigi aċċettat irid jissodisfa r-requirements".*

35.8 **Il-Bord jidhirlu li dawn ir-riżultanzi huma serji għall-aħħar. B'mod unanimu, il-Bord jagħti kredibilità sħiħa lil dak li qalu Denise Galea Pirotta, Elaine Catania, Kristabelle Buhagiar, Dr. Nadia Vassallo u Dr. Tatjana Chircop, kif rappurtat hawn qabel, u ma jemminx iċ-ċaħdiet ripetuti ta' Abdilla tal-fatti kif allegati minn dawn ix-xhieda msemmija qabel.** [86] **Dak li xehdu li gara huwa ħażin fih innifsu, illegali u immorali. Imur kontra l-prinċipju tad-dikjarazzjoni tad-dritt tax-xogħol fil-Kostituzzjoni, iżjed u iżjed meta dan ix-xogħol ikun fis-servizz pubbliku. Jimmina il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-governanza pubblika. Diskriminazzjoni arbitrarja, jew influwenza mhux xierqa, anke jekk mhux għal ragunijiet ta' twemmin politiku, huma pprojbiti u għandu jsir minn kollox biex dawn jigu evitati, partikolarment fi proċeduri ta' għażla fis-servizz pubbliku, inkluż fl-entitajiet imwaqqfa b'liġi bħalma hu l-MCAST.**

[86] Ara traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2018, pagna 55

**Il-proċess ta' ngaġġ fis-settur pubbliku, fis-sens wiesgħa tat-tifsira ta' dan is-settur, għandhom ikunu l-aktar serji, trasparenti u skrupolożament nieqsa minn kull influwenza mhux xierqa, u allura konformi ma' dak li tgħid il-Kostituzzjoni, Art. 110(2)(c), ossia li jkun:**

*"jipprovdi opportunità għall-impjegi biss fl-aħjar interessi tas-servizz pubbliku u tan-nazzjon in ġenerali"*

35.9 **Minħabba fil-gravità ta' dak li rriżulta lill-Bord f'dan ir-rigward, inkluż il-possibilità li Josephine Abdilla naqset li tgħid is-sewwa bil-ġurament, dan il-Bord jirrakkomanda li dawn ir-riżultanzi jiġu mgħoddija lill-Pulizija Ezekuttiva u lill-Avukat Ġenerali għall-istħarrig u l-prosekuzzjoni, jekk u fejn meħtieg.**

35.10 Il-Bord ta' Inkjesta gie mwaqqaf biex primarjament jindaga u jirraporta fuq dak li ma sarx b'mod korrett u regolari. Izda l-Bord iħoss li għandu jissotolinja ħaġa fil-pozittiv, jiġifieri l-mod l-aktar korrett u professjonali ta' kif ħadmu Dr. Nadia Vassallo u Dr. Tatjana Chircop, persuni li wrew li għandhom karattru sod u kuxjenza u li huma ta' min jorbot fuqhom biex l-affarijiet isiru sewwa. Malta għandha bżonn ta' ħafna aktar nies bħal dawn.

35.11 L-"*ammissjonijiet*" ta' Galea Pirotta ta' falsifikazzjonijiet ta' dokumenti pubblici.

Mill-akkuzi li għamlet Galea Pirotta kontra Abdilla, kemm bħala waħda li assumiet il-paternità ta' ittra ta' impjegati tal-HR lil Principal tal-MCAST, [87] u anke mix-xhieda tagħha quddiem dan il-Bord, wara li ngħatat it-twissija li tista' tagħżel li ma tirrispondix fejn tista' tinkrimina ruħha, Galea Pirotta, indirettament ammettiet li ffalsifikat dokumenti pubbliċi riżultat ta' pressjoni qawwija li rċeviet minn superjur tagħha li tagħmel hekk, u tal-biża' li kellha minn dak is-superjur, speċjalment meta kienet għadha fi *probationary employment.*

Għall-Bord, filwaqt li fehem li dak li għamlet Galea Pirotta jibqa' ħażin u mhux gustifikat - lanqas mill-pressjoni jew biża' - Galea Pirotta deheret illi hija persuna ta' kuxjenza retta li ma tippermettix li jkunu saru għemejjel ħżiena li riżultat tagħhom isofru terzi persuni innoċenti, u li dawn l-għemejjel jibqgħu sejrin mistura daqs li kieku ma ġara xejn. Għalhekk, a skapitu illi ġġib lilha nnifisha fl-inkwiet, u mingħajr ma marret tfittex parir legali dwar kif tista' tiżvela reat bħal dan, li fih setgħet kienet involuta, fil-forma u fl-istrutturi previsti mil-ligi, hija pproċediet biex flimkien ma' Elaine Catania tkellem lil Principal Dr. Calleja, u wara lil President Frederick Schembri, "*in confidence*", u dan tal-aħħar stess jgħid li ħeġġigha - izda mhux keskiesha - biex dak li allegat miegħu, tiktbu, u għamel hekk għal motiv amministrivament tajjeb. [88] Hu għalhekk li hija mbagħad għamlet l-istqarrija, kemm f'ittra lit-tmexxija tal-MCAST u anke fix-xhieda tagħha quddiem il-Bord. Dan fi zmien - Lulju 2018 - meta addirittura kienet diga' rreżenjat mill-MCAST u sabet xogħol ta' prestigju u responsabiltà fil-kamp edukattiv fis-settur privat, u allura setgħet faċilment ħaslet idejha u baqgħet sejra mingħajr ma żvelat xejn minn dan.

[87] A fol 125 sa 125G

[88] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-23 t'Awwissu 2018, Para 4.2, pagni 5 sa 8

Dan it-*trait* preġevoli ta' karattru ta' Galea Pirotta kien diga' ħareġ snin qabel meta kienet żvelat aġir abbużiv minn x'uħud mill-impjegati tal-MCAST li aġixxew b'mod skorrett ferm tul ħidmiethom fil-Programm Pathway, [89] u dan għamlitu meta kienet diga' rreżenjat mill-MCAST u stqarrietu, mingħajr ma kienet obbligata, f'*exit interview*. Mhux kontestat, lanqas mill-istess Josephine Abdilla, li l-investigazzjonijiet tal-Pathway kienu attribwibbli għall-"*whistleblowing*" ta' Galea Pirotta.

Għaldaqstant, dan il-Bord ta' Inkjesta jikkonkludi li Denise Galea Pirotta, meta eżegwiet ordnijiet illegali mogħtija lilha mis-superjur tagħha, ma kellha l-ebda intenzjoni li twettaq reat, imma biss li tobdi l-ordinijiet tas-superjur tagħha, frott il-pressjoni u l-biża' qawwija li kellha mill-istess superjur fuq il-post tax-xogħol fi żmien meta kienet fuq *probation*.

35.12 Din l-okkorrenza ta' falsikfikazzjoni tad-dokumenti fid-Dipartiment tal-HR fl-MCAST ma jidhirx li kienet xi każ iżolat. L-istess Deputat Principal u *Grievance Officer*, Anthony Saliba, jgħid hekk:

> "*Fil-pożizzjoni tiegħi illum ta' Greviance Officer, waqt li qed ninvestiga allegazzjonijiet li saru minn impjegati, jiena rajt b'għajnejja score sheets ta' interviews fid-dipartiment tal-HR fejn l-ewwel tkun ingħatat marka partikolari u mbagħad dik il-marka tiġi ngassata, ikun hemm vleġġa ħdejha u fit-tarf tal-vleġġa jkun hemm marka kompletament differenti, ħafna aktar ogħla mill-marka li tkun originarjament ingħatat*". [90]

<u>Il-Bord jidhirlu li din hija sitwazzjoni kerha għall-aħħar u mhux tollerabbli.</u>

[89] Ara Rapport tal-Bord ta' Investigazzjoni Pathway tat-12 ta' Mejju 2017, a fol 125H
[90] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-28 t'Awwissu 2018, Para 3.2, pagna 5

H. <u>L-allegazzjonijiet minn u kontra Abdilla: Konkluzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet.</u>

36.1 L-ewwel konsiderazzjoni fl-apprezzament tal-allegazzjonijiet enumerati f'Paragrafu 25, (i) sa (viii), hija li dawn saru kollha bejn is-16 ta' Lulju 2018 u l-24 ta' Lulju 2018. Qabel, Abdilla kienet tiltaqa' regolarment ma' dawk li hija għamlet l-allegazzjonijiet kontrihom, iżda dejjem baqgħet siekta. Mistoqsija legittima u li tiġi spontanja hija li jekk dawn l-allegazzjonijiet huma minnhom, allura għaliex, bħala uffiċjal għoli ferm fil-ġerarkija maniġerjali tal-MCAST, jekk mhux bħala ċittadina komuni, qatt ma ħasset li kellha tirraporta dwarhom qabel?

Hekk per ezempju dawn l-allegazzjonijiet Abdilla setgħet semmiethom lil Dr. Calleja fis-seduta inizzjali u formali li għamel magħha ftit wara li Dr. Calleja assuma r-responsabiltà ta' Principal fl-1 ta' Gunju 2018. Kif jgħid Calleja fix-xhieda tiegħu tas-17 t'Awwissu 2018, *"f'din il-laqgħa ingħatajt is-sitwazzjoni tad-dipartiment, izda hi ma għamlet miegħi l-ebda allegazzjoni ta' xi misconduct jew xi forma ta' illegalità".*

Anke s-Segretarju Permanenti Dr. Frank Fabri fix-xhieda tiegħu tas-17 t'Awwissu 2018 jgħid li meta ltaqa' ma' Abdilla biex din tkellmu fuq l-andament fl-MCAST gimgħat qabel ma għamlet l-allegazzjonijiet mertu ta' din l-Inkjesta, hija *"m'għamlet ebda allegazzjonijiet ta' gross misconduct jew ta' aġir illegali".*

Steve Cachia, Principal tal-MCAST fiz-zmien in dizamina, jgħid li *"Josephine Abdilla miegħi, qatt m'għamlet allegazzjonijiet ta' improper conduct jew inkella ta' illegal practices, u bribery jew tixħim, la fuq Silvio De Bono u anqas fuq impjegati oħra".* [91]

Minn dan kollu, il-Bord jikkonkludi li l-*barrage* ta' allegazzjonijiet ta' Abdilla kienu probabilment motivati bħala r-reazzjoni tagħha għall-konfront li għamlilha l-Principal il-gdid Dr. Calleja dwar id-diversi lmenti li rċieva mingħand bosta impjegati kontriha u l-istil ta' tmexxija tagħha u li ppreżentaw dokument datat 16 ta' Lulju 2018. Proprju kien minn dak il-ħin u ġurnata li segwiet din ir-reazzjoni ta' Abdilla ta' sensiela twila ta' allegazzjonijiet.

36.2 L-**Avukat Dr. Charmaine Grech Cristiano**, konsulent legali mal-Ministeru, xehdet li wara li Abdilla kienet bagħtet serje twila ta' *e-mails* b'allegazzjonijiet mill-aktar serji, il-Ministru talabha biex tiltaqa' ma' Abdilla biex tara jekk tifhimx is-sitwazzjoni aħjar.

L-Avukat Dr. Grech Cristiano tgħid li Abdilla qaltilha **"*ħalluni fil-kwiet u ħallsuni; jien naf ħafna affarijiet li jistgħu jkunu antipatiċi u skomdi; iġġibunix f'dik is-sitwazzjoni*".**

**Grech Cristiano tgħid li hi dan il-kliem fehemitu "*kif bil-fors jrid jinftiehem*", bħala rikatt.**

[91] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tas-27 t'Awwissu 2018, Para 2.2, pagna 4

Qalet li "*ftit tal-granet wara kien hemm laqgħa oħra fejn kien hemm preżenti Mrs Abdilla, jiena, il-Ministru u jidhirli li kien hemm ukoll Maurice Gruppetta;* ***regghet qaltilna 'ħalluni bi kwieti; jiena kull ma rrid ħallsuni***".

**Grech Cristiano tgħid li l-Ministru qallha li "*kien esklużi li jagħmel xi pagament li jista' jinftiehem li l-Ministru jew il-Ministeru kien qed icedi għal xi rikatt biex dak li għandu joħrog ma joħrogx u qalilha li kien se jinvestiga dak kollu li kienet qed tgħid*".** [92]

**Il-Bord ta' Inkjesta jaqbel mal-interpretazzjoni ta' Dr. Grech Cristiano u hu tal-fehma li r-risposta li ta il-Ministru kienet għal kollox f'postha u korretta.**

36.3 L-indagini li għamel dan il-Bord ma kienx intiż u ma għandux jinftiehem li kien, xi proċess dixxiplinarju kontra Josephine Abdilla. L-għan ewlieni ta' din l-Inkjesta kien li jinvestiga l-allegazzjonijiet ta' Abdilla, u l-allegazzjonijiet kontra tagħha, jindaga dwarhom, bla biża' minn ħadd, biex jara jekk jislitx xi element ta' verità fihom, u biex jekk iva jittiehdu l-passi skond il-liġijiet tal-pajjiż, ikun min ikun il-persuna.

Fil-kors tas-smigħ tal-provi minn dan il-Bord, ma tressqet l-ebda evidenza fattwali li tikkorobora, tirriskontra jew tipprova l-allegazzjonijiet li għamlet, għajr dik li t-tmexxija tal-MCAST baqa' ma ħa l-ebda azzjoni fil-konfront ta' agir skorrett għall-aħħar fil-Programm Pathway, liema allegazzjoni ta' Abdilla għalhekk instabet minn dan il-Bord li kienet f'postha. Il-bqija tal-allegazzjonijiet huma fis-sustanza fiergħa, bla bażi u xi minn daqqiet malafamanti.

Mill-banda l-oħra, fl-istess ħin, il-Bord ġabar provi ċari ta' mġieba skorretta u xi drabi anke illegali, minn naħa ta' Josephine Abdilla fil-qadi ta' dmirijietha fl-MCAST.

Dan apparti l-fatt li mhux tolerabbli li f'soċjeta moderna titħalla sitwazzjoni fejn impjegati fi kwalunkwe settur, imma anqas u anqas fis-servizz pubbliku, jaħdmu f'ambjent ta' terrur bħal dak deskritt mill-impjegati fid-dipartiment immexxi minn Abdilla.

[92] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2018, pagna 1 u 2

J. Il-kwestjoni tal-konflitt ta' interess tal-President tal-MCAST, Dr. Silvio De Bono.

37. Dr. Silvio De Bono inħatar President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST fit-18 ta' Gunju 2013 [93] u mal-għeluq tat-terminu ta' tliet snin previsti minn Artikolu 92(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327, rega' gie appuntat għal tliet snin oħra fis-17 ta' Gunju 2016. [94] Minħabba fl-Elezzjonijiet Generali ta' Mejju 2017, kien meħtieg li ssir ħatra ġdida tal-Bord tal-Gvernaturi u Dr. De Bono gie ri-appuntat għal tliet snin oħra fil-5 ta' Settembru 2017. [95]

Fis-7 ta' Mejju 2018, kwazi ħames snin wara li gie appuntat, Dr. De Bono bagħat komunikazzjoni lill-Ministru fejn għarrfu li l-istitut edukattiv u ta' taħriġ li kien stabilixxa hu fil-libera professjoni tiegħu, l-IDEA, kompla jikber u kien qed joffri wkoll "*accredited programmes in Level 4, Level 5 and Level 7*". [96] Dawn jirreferu għal standards komuni ta' studju f'livell *under-graduate, graduate,* u *post-graduate* li huma komuni fuq livell komunitarju sħiħ abbazi ta' kriterji ta' ekwivalenza tal-varji sistemi edukattivi, certifikati, *diplomas* u *degrees*, magħrufa bħala l-*Bologna Process* u li wassal għal *Lisbon Recognition Convention.*

Dan il-Bord jidhirlu li Dr. De Bono, f'sitwazzjoni fejn kien il-persuna bl-ogħla kariga f'żewġ istituzzjonijiet edukattivi, waħda pubblika, u oħra tiegħu personali, li joffru uħud mill-korsijiet ta' studju b'konkorrenza ma' xulxin, kellu kunflitt attwali ta' interess, kontinwu u gravi.

Mill-kontenut tal-ittra ta' rizenja ta' Dr. Silvio De Bono stess joħroġ ċar li l-istitut privat tiegħu, li tiegħu kien il-fundatur, azzjonist u direttur, kien fl-istess attività tal-MCAST li tagħha huwa kellu l-ogħla kariga, ossia President tal-Bord tal-Gvernaturi, liema istituzzjoni pubblika hija, flimkien mal-Università ta' Malta, l-ogħla istituzzjoni edukattiva f'pajjizna. F'dan l-isfond il-konflitt ta' interess kien manifest u pależi.

Il-Kap. 327 jittratta lil Kullegg għall-Arti, Xjenza u Teknologija b'mod dirett u specifiku. Fil-fatt, apparti d-dispozizzjonijiet l-oħra tal-liġi li jistgħu jgħoddu għall-MCAST b'mod generali, Taqsima VIII tal-Att tirregola l-MCAST b'mod dirett. Fost l-oħrajn, Artikolu 92(7) jittratta l-kaz ta' meta jkun hemm kunflitt ta' interess, sia wieħed temporanju jew dwar xi kuntratt specifiku, u sia meta l-kunflitt ikun permanenti u kontinwu.

L-Artikolu 92(7) jgħid hekk:

[93] A fol 242
[94] A fol 243
[95] A fol 244
[96] A fol 1

*"Kull membru tal-Bord tal-Gvernaturi li jkollu <u>xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt magħmul jew propost li jsir mill-Bord tal-Gvernaturi, jew xi interess finanzjarju jew xort'oħra f'xi intrapriża jew attività li tista' taffettwa l-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala membru f'dan il-Bord</u>, għandu jiżvela x-xorta tal-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-Bord wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dan l-iżvelar għandu jitniżżel fil-minuti tal-laqgħa tal-Bord, u dak il-membru għandu jirtira mill-laqgħa waqt li dak il-kuntratt jew materja li fiha huwa jkollu dan l-interess ikun qiegħed jiġi diskuss. Tali żvelar għandu jiġi mgħoddi lill-Ministru mingħajr dewmien.*

*"Meta l-interess tal-membru jkun tali li jista' jwassal li jitneħħa mill-kariga tiegħu, il-membru għandu immedjatament jirrapporta l-fatt lill-Ministru u joffri r-riżenja tiegħu u dan mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Ministru li jneħħi lil dan il-membru mill-Bord".*

L-obbligu ta' membru tal-Bord jgħodd aktar u aktar meta l-membru tal-Bord ikun il-President tal-Bord tal-Gvernaturi.

Dan il-Bord jidhirlu li l-Ministru irrisponda b'mod xieraq u skond il-ligi fit-twegiba tieghu tas-17 ta' Mejju 2018. Sfortunatament, mir-riżultanzi quddiem dan il-Bord, jidher li Dr. De Bono ma laqax b'mod pożittiv ir-reazzjoni tal-ministru li dan il-kunflitt ċar ta' interess kien jinħtieg ir-riżenja tiegħu. Konsegwenza ta' dan, Dr. De Bono naqas li jagħti *hand-over* adegwata lis-suċċessur tiegħu.

Il-Bord jidhirlu li Dr. De Bono kien obbligat jgħarraf lill-Ministru (u lill-Bord tal-Gvernaturi) bil-kunflitt ta' interess li kellu "***<u>immedjatament</u>***", u mhux wara dawk is-snin kollha. Bin-nuqqas tiegħu, Dr. De Bono ta lok għal spekulazzjonijiet anke fil-konfront tiegħu stess, partikolarment minħabba fir-relazzjoni familjali li jidher li kellu ma' Josephine Abdilla, u l-mod kif ħadu t-tmexxija tal-MCAST bejniethom, kultant ad eskluzjoni ċara tal-Principal u tal-bqija tal-membri tal-Bord tal-Gvernaturi.

## 38. <u>Rakkomandazzjonijiet għall-Futur</u>.

### 38.1 <u>Verifiki qabel il-ħatra dwar kandidati għal membri tal-Bord tal-Gvernaturi minħabba kunflitt ta' interess.</u>

Il-Bord jirrakkomanda illi għall-futur, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għandu, kif jiġi infurmat illi persuna ser tiġi nominata bħala membru tal-Bord tal-Gvernaturi, jagħmel indaġini preliminari biex jaċċerta ruħu li dik il-persuna m'għandhiex kunflitt ta' interess manifest. Imbagħad meta tali persuna tiġi approvata mill-organi tal-Istat biex jiġi appuntat bħala membru, l-istess organu amministrattiv tal-Ministeru għandu, qabel ma titħabbar pubblikament in-nomina, jieħu d-dikjarazzjonijiet appoziti minn dik il-persuna fis-sens li hija ma għandhiex kunflitt ta' interess reali u kontinwu. Huwa għandu jara wkoll li dawk id-dikjarazzjonijiet jigu verifikati bid-*due diligence* dovuta.

38.2 Dak li għandu jkun aġir trasparenti u korrett ta' President tal-Bord tal-Gvernaturi.

38.2.1 Il-President tal-Bord tal-Gvernaturi għandu jkun il-katalist u mhux il-protagonist ta' tmexxija tajba u ta' progress għall-MCAST.

38.2.2 M'għandux ikun hemm divizjonijiet li jirraportaw direttament lilu u mhux lill-Principal, kif kien hemm fiż-żmien tal-President Dr. De Bono meta kien hemm ħames divizjonijiet bħal dawn li jirrapurtaw direttament lilu, inkluż Josephine Abdilla bħala *Head of Human Resources*. Kif jgħid il-Principal ta' qabel, Steve Cachia, [97]

> *"l-organigram tal-MCAST kienet turi li l-Heads kollha kienu jirrapurtaw lili bħala Principal u CEO. Li għidt qabel huwa dak li kien jiġri fil-prattika, de facto, b'mod partikolari l-Finance u l-HR kienu jirrappurtaw effettivament aktar liċ-Chairman milli lili. Kienu jirrapurtaw lili ukoll iżda la kienu jirrapurtaw liċ-Chairman, Dr. De Bono kellu pożizzjoni ta' weight aktar minni fejn ma naqblux, u għalhekk kien isir kif jgħid hu u mhux kif kont iddeċedejt jien. Fil-każ ta' Josephine Abdilla, kien magħruf illi din kellha direct link maċ-Chairman u dan kien jagħtiha support u awtorità fis-sens illi din setgħet tmur għand iċ-Chairman anke minflok tkellem jew tirreferi jew tikkonsulta lilha nnifisha miegħi".*

38.2.3 M'għandux il-President iġib jew jieħu miegħu xi *Personal Assistant* meta jieħu jew jitlaq l-pożizzjoni tiegħu, kif jidher li sar. Il-post ta' President tal-MCAST mhux xi uffiċju ta' segretarjat privat ta' xi Ministru.

38.2.4 M'għandux il-President ikun qrib wisq ta' xi uffiċjal għoli tal-amministrazzjoni bħalma jidher li kien hemm bejn l-istess Dr. De Bono u Josephine Abdilla. Din tal-aħħar tistqarr li "*kont immur inkellmu wkoll l-uffiċju privat tiegħu is-Sibt*"; [98] konsultazzjonijiet bejn superjur u subordinat isiru fl-uffiċju fuq il-post tax-xogħol f'entità pubblika, mhux fil-privat. Hekk titlob it-trasparenza.

Biex jispjega l-punt li qed jagħmel, il-Bord jirreferi għax-xhieda ta' Denise Galea Pirotta fit-23 t'Awwissu 2018:

> *"Mistoqsija dwar ir-relazzjoni bejn Josephine Abdilla u ċ-Chairman tal-Board of Governors, Dr. Silvio De Bono, jiena ngħid li naf illi Mrs Abdilla kienet tagħti l-impressjoni li hija qrib ħafna ta' Dr. De Bono. Naf ukoll li dak li ma kienx jirnexxilha ġġib mingħand il-Principal jew mingħand ħaddieħor, b'riżultat ta' ħafna insistenza li kienet taf tagħmel, kienet iġġibu tramite ċ-Chairman.*

[97] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tas-27 t'Awwissu 2018, Para 2.2, pagna 4
[98] Ara traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2018, pagna 10

*"Ma nafx, min-naħa taċ-Chairman, kemm kien iħossu qrib jew le ma' Mrs Abdilla.*

*"Inżid dettal: per eżempju, fl-okkazjoni tat-tieġ tat-tifla tagħha, jiena naf li stiednet lil Dr. De Bono iżda ma stidnitx lill-Prinċipal, Steve Cachia".*

Elaine Catania, *Senior Administrative Officer* fl-istess dipartiment immexxi minn Abdilla, fix-xhieda tagħha tat-28 t'Awwissu 2018, qalet:

*"ir-relazzjoni ta' Josephine Abdilla u Silvio De Bono milli kont nara jien kienet waħda mill-qrib ħafna. Kienet iċċempillu l-ħin kollu u fuq kollox".*

38.2.5 M'għandux lanqas President mhux ezekuttiv tal-Bord tal-Gvernaturi jieħu l-funzjoni ta' *Chief Executive Officer*, kif jidher li għamel Dr. Silvio De Bono. Steve Cachia, ex-Principal, jgħid "*id-disġwid li jien seta' kelli maċ-Chairman kien għaliex kien jidħol wisq hands-on u fid-dettal tad-deċizjonijiet eżekuttivi li kont narahom li aktar huma r-rwol tiegħi*",[99] prattika li jammettiha l-istess Dr. Silvio De Bono meta jgħid "*l-akbar żball li stajt għamilt fl-MCAST kien li dħalt b'entużjażmu kbir biex immidd għonqi għax-xogħol u dan minkejja li jiena kont non-executive chairman*".[100]

[99] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-27 t'Awwissu 2018, Para 2.2, pagna 4
[100] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-6 ta' Settembru 2018, Para 1.2, pagna 2

K. Ir-reklutaġġ ta' impjegati fl-MCAST.

39. Il-kaz ta' Alistair Attard.

39.1 Dan il-każ ħareġ fil-berah fil-mori ta' din l-Inkjesta u fil-fatt kien wieħed mir-raġunijiet għaliex, meta l-Bord kien qed jaħseb li jagħlaq ir-Rapport tiegħu, kellha tintalab estensjoni biex isir aktar indagini dwaru. Dak li jirrizulta huwa speci ta' *comedy of errors*, bid-differenza li meta tant nuqqasijiet ikunu jweġgħu n-nies u juru nuqqas ta' serjetà, din ma tibqax haga tad-dahq.

L-ewwel darba li sema' b'dan il-każ il-Bord kien meta xehed it-tieni darba l-President attwali, Frederick Schembri fit-13 ta' Settembru 2018. Is-Sur Schembri qal li kien qed jirriżultalu *"li f'okkazzjoni waħda fl-2017, wara call for applications, intgħażel lecturer għall-Creative Design persuna li l-ewwel isem tagħha huwa Alistair li izda bħalissa l-kunjom kien qed jissfuġġieli. Dan mhux biss ġie l-ewwel iżda saħansitra ġie avżat formalment u bil-miktub li ġie l-ewwel. Sar jaf li dak li mmaterjalizza effettivament huwa li flok dan Alistair, daħlet persuna oħra wara call for applications ġdida għal-lecturer f'dan il-post. Dan Alistair issa ovvjament oġġezzjona*".

Il-Principal, Dr. James Calleja, stqarr li l-*Profile Requirements* tal-*full-time* u *part-time posts* in kwistjoni, jiġifieri ta' *lecturer in creative arts – sound* f'Awwissu 2017, ma nstabitx evidenza li ġie reklamat fuq il-gazzetti lokali kif soltu tkun il-prattika ordinarja.

Dr. Calleja spjega wkoll li ma nstabux li *score sheets* innifishom tal-ewwel *interview* tal-20 ta' Settembru 2017.

Dak li nstab kienu ħames *e-mails* li ntbagħtu lill-kandidati – tlieta fir-rigward tal-*full-time lecturer in creative arts – sound*, u żewġ *e-mails* li ntbagħtu lill-kandidati fir-rigward tal-*part-time post għal lecturer creative arts – sound*. Fil-każ tal-post għal *full-time lecturer cratíve arts - sound*, Alistair Attard gie hekk mgħarraf li huwa ġie l-ewwel. F'din l-*email* Alistair Attard ġie formalment mgħarraf li huwa ġab 74% ta' li *scores* u ġie l-ewwel. Imbagħad intbagħet *e-mail* oħra lil NN, li qed jingħad lilu li ġie it-tieni, fil-*full-time post* għax ġab 73%, u mbagħad kien hemm MM li ġab 67% meta l-ogħla marka kienet 74%. Dr. Calleja qal li għalhekk hu car li MM ġie t-tielet fil-*full-time lecturing post*, iżda minkejja dan spiċċa hu bħala l-*full-time lecturer* tal-istess post li ġie riċentament impjegat, Settembru 2018, u dan abbazi tat-tieni *interviews* li saru lill-istess kandidati.

Dr. Calleja stqarr li huwa indaga u fittex fir-*records* tal-HR tal-MCAST biex jara kienx hemm xi *statement*, xi *affidavit* jew xi spjegazzjoni mill-Head HR jew inkella xi *statement* iffirmat mit-tliet persuni li kienu fuq l-*Interviewing Board* dwar l-okkorrenzi tal-ewwel *interview* li wassal biex ir-riżultat tal-ewwel *interview* jiġi *de facto* annullat u jsir it-tieni *interview*. Minn dan ma sab xejn. Dr. Calleja fittex ukoll fil-Minuti tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST u dwar dan l-inċident ma jirriżujlta xejn lanqas.

Steve Cachia, Principal, dwar meta saru l-ewwel *interviews*, qal li ma jiftakarx ċar x'ġara. Għandu mpressjoni tajba li l-ewwel *interview* seta' kien ivvizzjat bi żball serju iżda ma jiftakarx fil-preċiż il-għaliex. Lanqas jiftakar x'dokumentazzjoni jew proċedura giet adottata meta ġie skopert dan l-iżball.

Il-Bord sema' wkoll lil Alistair Attard. Huwa qal li qabel l-*interview* ta' Settembru 2017 kien diġa' *part-time lecturer* fl-MCAST. Huwa sar jaf bil-post mis-sit elettroniku tal-MCAST. Żied jgħid li wara dan l-*interview* tal-20 ta' Settembru 2017, irċieva żewġ riżultati wieħed dwar il-*full-time post* fejn ġie l-ewwel u l-ieħor għal *part-time post* fejn ġie t-tieni. Attard xehed li huwa staqsa lil Dr. Tyrone Grima, dak iż-żmien Direttur tal-*Insitute for Creative Arts*, dwar jekk issa li x-xhud kien ġie l-ewwel fl-*interview* għall-*full timer* kienx se jiġi impjegat *full-time*, izda Dr. Grima qallu li "*għalissa ma hemmx il-bżonn*".

Ix-xhud qal li ftit tal-granet wara huwa rċieva telefonata mill-Head HR, Josephine Abdilla, fejn infurmatu li r-riżultat tal-ewwel *interview* ġie annullat. Huwa nsista li jkun jaf ir-raġuni iżda Abdilla qaltlu: "*'Issa toqgħodx tiġi b'dan l-atteġġament; dak ġie annullat u inti mhux affarik għaliex; sar żball u tieqaf hemm. X'se tagħmel inti? Se tiġi għat-tieni interview?*" Abdilla tagħtu l-ewwel data għal dan it-tieni *interview* għas-6 ta' Ottubru 2017. Din wara inbidlet għat-12 ta' Ottubru 2017 u x-xhud accetta li jmur għall-*interview* f'din l-aħħar data pero' ġibed l-attenzjoni ta' Abdilla li fid-data u l-ħin tal-*interview* huwa kellu *lecturing duties* fl-istess MCAST u dawn kienu se jaħbtulu flimkien. Ix-xhud uriha li ma xtaqx iħalli l-istudenti jmorru għal-lezzjoni u hu ma jattendix. It-tweġiba tagħha kienet: "*Jekk inti jidhirlek hekk, tattendix!*"

Ix-xhud spjega li dan it-tieni *interview* sar u kien *chaired* minn Steve Cachia, Mark Theuma, mill-istess Josephine Abdilla, u minn persuna femminili li huwa ma jafx min hi. Attard stqarr li fl-*interview* irriżultatlu xi ħaġa stramba ħafna fis-sens li fl-ewwel *call for applications* – u tabilħaqq l-ewwel u l-unika waħda li jaf biha – kienet b'mod ġeneriku għal-*Lecturer fil-Creative Arts – Sound*', mentri fit-tieni *interview* huwa ġie milqugħ mill-*Interviewing Board* jgħidulu li dan ma kienx post għal-*lecturer* b'mod ġenerali iżda għal *unit* wieħed biss mill-*Creative Arts – Sound*. Ix-xhud qal li ma jirrizultalux li qatt kien hemm xi avviż li l-*call for applications* inbidlet fin-natura tagħha.

Kompla jgħid li fl-14 ta' Novembru 2017 irċieva *email* bir-riżultat għall-*part-time lecturer in creative arts - sound*. Irriżulta li l-ogħla marka kienet 84 % u l-grad tiegħu kien 78%. Għall-*post full-time* ma rċieva xejn u x-xhud qal li assuma – u jaħseb li għandu raġun jassumi – li l-ewwel riżultat li kien irċieva f'Settembru 2017 għall-*interview* għall-*full-time* fejn hu kien ġie l-ewwel, baqa' jgħodd. Sadanittant, huwa kompla bħala *part-time lecturer*.

F'Awwissu ta' din is-sena 2018, nduna li daħal ċertu MM bħala *full time lecturer*. Induna minn fuq *Facebook*. Meta sar jaf b'dan ċempel lill-HR Department u staqsa jekk għal dan il-post ta' *full-time lecturer* li kien ħareġ fl-2017, ġiex impjegat xi ħadd. Qalulu li le. Ċempel it-tieni darba u reġgħu qalulu li le.

Sadanittant, f'Settembru 2018 daħal id-Direttur il-ġdid tal-*Institute for Creative Arts*, Martina Caruana, li ħadet post Tyrone Grima li sadattant kien irriżenja f'Lulju 2018. Staqsiha l-mistoqsija diretta li qabel kien staqsa lill-HR f'Awwissu: "*Daħal xi ħadd full-timer riżultat ta' dik il-call for applications fil-creative arts – sound?*" Caruana weġbitu li kien daħal MM. Ix-xhud qal li huwa mar jilmenta ma' Anthony Saliba, *Grievance Officer*, u kompla jirriżultalu li dan MM kien attenda għall-*interview* fl-istess żmien li attenda hu f'Awwissu u Ottubru 2017 u definittivament ma kienx ġie l-ewwel u possibilment ġie t-tielet.

39.2 Konstatazzjonijiet tal-Bord.

Li jidher li ġara huwa li fl-ewwel *interview*, wieħed mill-*interviewers*, Dr. Tyrone Grima, kien għamel żball li lil MM ma tahx il-marki dovuti għal dak li kien il-kriterju tal-kwalifiki meta kellu l-Ph.D, iżda tah anqas daqs li kieku ma kellux id-dottorat. Dr. Grima jgħid li kienet ċemplitlu Josephine Abdilla u qaltlu li kien hemm appell mir-riżultat u qaltlu li kien għamel żball. Dr. Grima qal li hu aċċetta li kien għamel dan l-izball, però insista li meta jiġi korrett dak l-izball xorta ma jinbidilx ir-riżultat favur MM.

Il-punt huwa li anke jekk kien hemm raġunijiet validi li l-ewwel rizultat jiġi annullat, il-proċedura ma ġietx segwita u jidher li Alistair Attard gie ttrattat b'mod skorrett għall-aħħar, u dan l-aġir seta' espona lill-MCAST għal azzjoni legali.

Il-Bord huwa infurmat li riżultat tal-ilment ta' Alistair Attard u l-intimazzjoni ta' azzjoni legali li huwa għamel mal-MCAST, il-tmexxija tal-MCAST "*solviet*" il-problema billi għal vakanza originali ta' *part-time lecturer* fis-*Sound* - kif jgħid Dr. Tyrone Grima, Direttur tal-*Creative Arts,* meta jgħid li talab li toħroġ *call for applications* [101] - spiċċaw ġew impjegati żewġ *lecturers full-time*, jigifieri sia MM kif ukoll Alistair Attard

Għal Bord ta' Inkjesta id-dettalji ta' dan il-każ jagħtuh raġunijiet biżżejjed biex ikompli jippreokkupa ruħu bis-sitwazzjoni fl-HR u partikolarment il-proċedura fir-reklutagg.

40. Dak li diġa' gie rappurtat f'Paragrafu 35 dwar dak li jidher li huma abbuzi gravi kommessi minn Josephine Abdilla meta eżerċitat pressjoni fuq subordinati tagħha, u oħrajn li mhumiex, biex jagħmlu diskriminazzjoni mhux konsentita mill-ligi u biex jagħtu marki foloz u fabbrikati lil kandidati indikati minnha, u saħansitra jalteraw *score cards* passati, hija gravi ħafna. Din hija indikazzjoni ċara li ħaġa sensittiva bħalma huwa l-ingaġġ ta' staff akkademiku u mhuwiex, kien suxxettibbli għal mhux biss negliġenza iżda wkoll abbuż serju u ksur tal-ligi, abbuż li ġara tabilħaqq.

Il-kaz ta' Alistair Attard, spjegat hawn fuq f'Paragrafu 39, huwa indikazzjoni oħra li r-reklutaġġ mhux dejjem sar sewwa.

---

[101] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tat-3 ta' Jannar 2019

41. Il-prattika endemika u tossika f'Malta ta' rakkomandazzjonijiet għall-impjiegi.

Josephine Abdilla fix-xhieda tagħha tgħid:

> "*Dr. Silvio De Bono gie li rrikmanda xi nies ... jgħidlek 'isma' għandi lil dan please, hu ħsiebu' .... Anke dan il-Prinċipal li hemm issa, qalli 'hudli ħsieb lil PP, insejt x'jismu ... u baghatli SMS*". [102]

Fil-każ tal-għażla tal-Principal attwali, Abdilla tgħid li Dr. Silvio De Bono qallha:

> "*Hu kien qed jgħidli li hu had received instructions li l-job kien ghal James Calleja*". [103]

Din tal-aħħar ma sabitx korroborazzjoni minn Dr. Silvio De Bono.

Abdilla tgħid ukoll:

> "*Dan l-ahhar kien qed ikollna minn Silvio Parnis; gie li kienet iccempel il-mara tal-ex Ministru għal Ghawdex, Anton Refalo*". [104]

Abdilla ssemmi wkoll pressjoni minn uffiċjali għolja oħra fl-MCAST, inkluż lil Viċi-Prinċipal Ing. Vince Maione, għalkemm ma ppreżentat l-ebda evidenza biex issostni dak li qalet.

Ix-xhieda ta' dak li kien il-Principal tal-MCAST sa ftit taż-żmien ilu, Steve Cachia, turi li l-*Management* kien konxju li mhux kollox kien miexi sew. Ir-rimedju li jidher li adotta l-Principal kien li jagħmel priedka tajba dwar kif kellu jsir ir-reklutaġġ korettament, mingħajr iżda ma pprovda l-metodu jew il-mezzi ta' kif din il-pressjoni tingħeleb jew kif jitnaddaf u jittejjeb il-proċess tar-reklutaġġ fl-MCAST b'mod ġenerali. Steve Cachia, fix-xhieda tiegħu tas-27 t'Awwissu 2018 [105] jgħid hekk:

> "*Fir-rigward ta' recruitment, Josephine Abdilla ġie li kienet issemmi li kien ċemplilha xi ħadd minn xi Customer Care f'xi ministeru dwar xi applikant. Meta hi għamlet hekk quddiemi, jien dejjem għidtilha li hi għandha taġixxi b'mod korrett u b'mod oġġettiv*".
>
> "*Iċ-Chairman, Silvio De Bono ġie li esprima ruħu quddiemi fuq xi applikant fis-sens li t-tali u t-tali persuna tista' tkun valida u addattata għall-post li jkun involut. Iżda lili ma jirriżultalix li ċ-Chairman qatt ta xi struzzjonijiet dwar min kellu jintgħażel, la lili u lanqas lil Josephine Abdilla*"..

---

[102] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tal-24 ta' Settembru 2018, pagna 14
[103] *Ibid*, imma pagna 20 u 21
[104] *Ibid* imma pagna 24
[105] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tas-27 t'Awwissu 2018, Para 2.2, pagna 4

L-istess Dr. Silvio De Bono, meta kien qed jixhed, jikkonferma din il-prattika. Fix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Settembru 2018, huwa jgħid:

> "*Mistoqsi jekk jiena, Dr. Silvio De Bono, qattx issuġġerejt jew tajt struzzjonijiet lil Josephine Abdilla dwar min għandu jiġu magħżul jew min nixtieq li jiġi magħżul f'interviews għal reklutaġġ ta' lecturers u ħaddiema oħra, ngħid li dan jien m'għamiltux b'mod dirett.*
>
> "*Mistoqsi xi tfisser "mhux b'mod dirett", ngħid li kien ikolli rakkomandazzjonijiet ta' xi nies. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kont ngħaddihom fis-sens li jien kont ngħid lil Josephine Abdilla biex jekk it-tali u t-tali jinstabu tajba, għandhom jiġu kkunsidrati.*
>
> "*Kien hemm ċirkustanzi wkoll li anke uffiċjali mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru kienu jitolbu li jidħlu nies u li jiena dejjem rajt dawn ir-rikjesti fl-istess ambitu ta' kif rajt kull rikjesta oħra, jiġifieri li jekk jissodisfaw il-kriterji, dawn jistgħu jkomplu għaddejjin biex jintgħażlu, però jekk ma jilħqux il-kriterji anqas il-proċess ma jkompli u jieqfu hemm hekk. Dan ifisser li minkejja kull pressjoni li ssir – u nista' nassigurakom li f'pożizzjonijiet bħal dawk il-pressjoni ssir il-ħin kollu – trid tkun kapaċi tifhem, tiżen u tagħraf fejn inti tkun tista' taħdem. Dawk in-nies li kienu kapaċi, jiena kont inressaqhom abbazi tal-mertu u mhux biex jintgħażlu iżda biex jekk huma tajbin u aħjar mill-oħrajn, ikunu jistgħu jkomplu t-tiġrija. Nenfasizza li qatt jien ma tajt vantaġġ lil xi ħadd".*

Ix-xhieda ta' Josephine Abdilla, ta' Steve Cachia u ta' Dr. Silvio De Bono jikkonfermaw il-prattika odjuża ta' klijentiliżmu u rakkomandazzjonijiet għall-impjiegi, prattika endemika fis-soċjeta Maltija. Mhux aċċettabbli li President ta' entità bħalma hu l-MCAST igħaddi ismijiet ta' kandidati u biex ikopri ruħu taparsi jgħid "*dan hu ħsiebu*" jew "*biex jekk it-tali u t-tali jinstabu tajba għandhom jigu kkunsidrati*". Il-konsegwenza ċara ta' dan kollu hija li min ma jkollu lill-ħadd li jsemmieh jista' jibqa' fuq l-ixkaffa anke jekk ikun jimmeritah abbazi ta' kriterji oġġettivi.

Hemm bzonn li jittiehdu passi bis-serjetà biex prattika bħal din kemm jista' jkun tiġi eradikata mhux biss fl-għazla attwali tan-nies għall-impjiegi imma anke fil-moħħ u l-kultura ta' klijentiliżmu tal-poplu tagħna, tabilħaqq fil-*forma mentis* tagħhom. Mhuwiex korrett li persuna f'pożizzjoni għolja tesprimi ruħha u tgħid li t-tali jkun persuna tajba jew valida meta hemm proċedura ta' *interviews*. Li tgħid hekk tkun qed tagħti messaġġ xejn sottili u jikkostitwixxi influwenza mhux xierqa fuq min qed jagħmel l-*interviews*. Iż-żgħażagħ u l-istudenti tagħhom ma jisthoqilhomx li jħabbtu rashom ma' din l-attitudni pervasiva fil-klassi dirigenzjali tal-entitajiet u l-ażjendi tagħna u hemm bżonn li l-klassi politika b'mod generali tiddeċiedi li tiġġieled bis-serjetà ħalli tirbaħ il-meritokrazija, f'għieħ l-ugwaljanza u għall-ġid tal-poplu Malti.

## 42. L-*Interviewing Boards* sa issa

42.1 Ħareg ċar ħafna minn diversi xhieda illi l-*Interviewing Boards* bl-iskop li jintgħażel il-persuna idonja u l-aktar kwalifikata skond *calls for applications* li jsiru mill-MCAST kienu komposti minn *Chairperson* u persuna oħra mill-MCAST, filwaqt li t-tielet membru jkun dak li ssejjaħ "*MEDE Representative*" jew "*Perm Sec Representative*". Iċ-*Chairperson* ikun magħżul mill-HR jew il-Kap tad-Dipartiment li għamel it-talba biex jigi impjegat persuna.

Il-Bord ried jinvestiga din is-sistema. Għal dan l-iskop, l-MCAST intalab jesebixxi lista tal-*interviews* kollha li saru għal reklutagg, sia *full-time* kif ukoll *part-time*, li saru mis-sena akkademika 2010 sal-14 ta' Lulju 2018. Dawn jinsabu fi *spreadsheets* voluminizi. [106] In-numru ta' *interviews* [107] kien hekk:

| | |
|---|---|
| 2010 (minn 23 ta' Settembru) | 56 |
| 2011 | 49 |
| 2012 | 53 |
| 2013 | 2 |
| 2014 | 56 |
| 2015 | 132 |
| 2016 | 182 |
| 2017 | 260 |
| 2018 (sat-13 ta' Lulju) | 238 |
| Total ta' | 1028 |

L-informazzjoni pprovduta kienet tistipula l-pozizzjoni li għaliha kienu saru l-*interviews*, id-data tal-*interview*, l-isem tal-applikanti jew kandidati, l-isem tal-persuna magħżula, minn min kien kompost l-*Interviewing Board*, jekk l-*iscore cards* kienux għadhom disponibbli jew alternattivament ma nstabux, jekk l-*iscore cards* kienux jidhru li nbidlu. Matul dan il-perjodu kien hemm numru mdaqqas fejn *score cards* ma nstabux u oħrajn jirriżultaw bl-i*scores* alterati, kif gej:

| | *Score Cards* li ma nstabux | | Nru ta' *Score Cards* alterati |
|---|---|---|---|
| | *Interviewers* | *Interviewees* | |
| 2010 (minn 23 ta' Settembru) | 1 | 1 | 1 |
| 2011 | 1 | 1 | 1 |
| 2012 | 33 | 27 | xejn |
| 2013 | xejn | xejn | xejn |
| 2014 | 10 | 6 | xejn |
| 2015 | 64 | 60 | xejn |
| 2016 | 25 | 27 | 14 |
| 2017 | 10 | 4 | 53 |
| 2018 (sat-13 ta' Lulju) | 3 | 1 | 57 |
| Total | 147 | 127 | 126 |

[106] A fol 181 sa 190

[107] Dan in-numru mhux jirreferi għan-numru ta' applikanti jew intervistati li huma ferm aktar

Il-Bord jiddeplora l-prattika li l-MCAST ma żammx b'mod organizzat l-*iscore cards* ta' intervisti li jkunu saru u li ma investigatx attivament il-każijiet fejn ma nstabux u l-*bona fede* jew le ta' alterazzjonijiet tal-marki fuq l-*iscore cards*.

42.2 Il-Bord ta' Inkjesta staqsa lis-Segretarju Permanenti attwali, Dr. Frank Fabri, biex jispjega x'kienet din is-sistema li permezz tagħha jintbagħat rapprezentant tal-Ministeru.

Minkejja li Dr. Fabri mhux biss huwa s-Segretarju Permanenti attwali imma wkoll kien jokkupa l-post ta' Gvernatur fl-MCAST mit-18 ta' Gunju 2013 sal-5 ta' Settembru 2017,[108] hu ma kienx jaf jispjega l-iskop ta' dan. Lanqas ma kien f'qagħda jgħid x'kienu t-termini ta' referenza ta' min jingħazel mill-Ministeru biex jattendi l-*Interviewing Boards*. Dr. Fabri, meta rega' xehed għat-tieni darba fis-26 t'Ottubru 2018, qal li "*kien issa li sar jaf b'din il-prattika mħaddma kemm mill-MCAST kif ukoll minn entitajiet oħra fil-Ministeru li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu*". Hu qal li lil dawn ir-rappreżentanti, li ma kienx jaf min huma, qatt ma kellimhom biex itihom xi *terms of reference* jew struzzjoni, u lanqas qatt kellmuh lura dwar l-istess proċess.

42.3 Kien is-Segretarju Permanenti ta' qabel, Joseph Caruana, li spjega b'mod ċar kif gie introdott dan il-proċess fl-MCAST fi żmienu, sewwa sew fl-2014. Dan meta xehed fis-26 t'Ottubru 2018. Hu qal li kien jokkupa l-pożizzjoni ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru minn Gunju 2013 sa sa Gunju 2017. Joe Caruana spjega li din is-sistema fejn ikun hemm rappreżentant tal-Ministeru fuq *selection boards* ġiet introdotta fl-entitajiet, inkluż l-MCAST, b'estensjoni ta' sistema identika li giet introdotta fil-Ministeri fuq struzzjonijiet tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ftit qabel.

Joseph Caruana kien konvinċenti u kredibbli u rrisponda mill-ewwel mingħajr ma kien jaf x'ser jiġi mistoqsi. Dakinhar stess li ta x-xhieda tiegħu huwa bagħat lill-Bord kopji tal-korrispondenza uffiċjali kollha li tikkonferma dak li kien xehed. Huwa xehed hekk:

> "*Nispjega li, sakemm kont naqdi l-funzjoni ta' Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kienet ħarġet ordni li l-Bord tal-Eżaminaturi għall-għazliet ta' impjegati ġodda fi ħdan il-Ministeri ikun jinkludi membru minn lista ta' uffiċjali pubbliċi rtirati ppubblikata apposta mill-istess Kummissjoni.*
>
> "*Jiena deherli li l-Kummissjoni kienet introduċiet din il-miżura għal skopijiet ta' kontabilità u checks and balances, u deherli li kien jagħmel sens li l-istess prattika tiġi estiża għas-Selection Boards li jagħżlu l-impjegati għall-postijiet vakanti fl-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Għal dan il-għan, kont għażilt erba' uffiċjali pubbliċi rtirati mill-lista ppubblikata mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku dwar il-Ministeru tagħna, u għaddejt l-ismijiet tagħhom lit-tmexxija tal-MCAST, b'ordni biex jinkludu persuna minnhom f'kull kompożizzjoni ta' Selection Boards maħtura minnhom.*

[108] A fol 242 u 243

*"Dawn l-uffiċjali pubbliċi rtirati ma kienux jirrappurtaw lili, u l-komunikazzjoni magħhom kienet issir direttament mit-tmexxija tal-MCAST. Ngħid li jiena qatt ma rajt riżultati. Ma nafx jekk dawn l-uffiċjali pubbliċi rtirati kienux jiffirmaw ir-riżultat mal-membri l-oħra tas-Selection Boards. Nifhem li iva. L-idea tiegħi wara din il-miżura kienet li jkun hemm governanza tajba. Qatt ma wasluli rapporti li din il-prattika ma kienetx qed taħdem, jew li kienet qed toħloq problemi. Dawn l-uffiċjali pubbliċi rtirati kienu jitħallsu għas-servizz li jagħtu lill-entitajiet.*

*"Niċċara li l-uffiċjal pubbliku rtirat bl-isem ta' 'Joe Caruana' bħali mhux jiena, imma ex-impjegat mal-uffiċju tat-Tezor. Fil-lista niftakar li kont daħħalt ukoll lil Josie Brincat – ex-uffiċjal għoli fi ħdan il-pulizija, u lil Miriam Vella.*

*"Sakemm domt Segretarju Permanenti jien fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, qatt ma nvolvejt lil ħadd mis-Segretarjat tal-Ministru fi proċessi ta' ngagg jew għazla ta' mpjegati ġodda, la għall-entitajiet u lanqas għall-Ministeru jew id-Dipartiment. Ma kienx ikolli ndħil mis-Segretarjat tal-Ministru fl-għazliet tal-membri tas-Selection Boards, jew fl-għazliet tal-impjegati wara sejħa minħabba vakanzi fis-servizz tagħhom".*

Il-Bord ta' Inkjesta jinsab konvint li din l-introduzzjoni ta' rappreżentant tal-Ministeru fis-*selection boards* tal-entitajiet tal-istess Ministeru saret għal skop tajjeb ta' trasparenza bl-istess mod li saret mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fil-Ministeri. Huwa tajjeb ukoll li l-persuni li ntgħazlu minn Caruana kienu meħudha mil-lista fornuta mill-PSC. Għalhekk kien tajjeb li ġiet introdotta din is-sistema mill-Ministeru, u dan minkejja r-reżistenza tal-Principal tal-MCAST ta' dak iz-zmien. [109]

Li sar anqas tajjeb huwa li din is-sistema ma tħaddmitx bl-aħjar mod; ma kien hemm l-ebda *terms of reference* maħruga lil dawn il-persuni dwar x'kien mistenni minnhom u għal xiex riedu joqogħodu b'għajnejhom miftuħa; ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejn is-Segretarju Permanenti u dawn ir-rappreżentanti, u dawn tal-aħħar qatt ma ntalbu jagħmlu xi rapport jew jagħtu xi *feedback*. Tant li s-Segretarju Permanenti ta' warajh lanqas biss kien jaf li teżisti din is-sistema. Sistema, tajba kemm hi tajba fil-ħsieb, għandha tkun diżenjata u applikata tajjeb mill-bidu sal-aħħar.

43. Rakkomandazzjonijiet għal Futur dwar reklutagg.

Għalhekk, dan il-Bord ta' Inkjesta jirrakkomanda illi, filwaqt li għandha titkompla s-sistema mibdija mis-Segretarju Permanenti Joseph Caruana fl-2014, għandu jsir li ġej:

[109] Ara *e-mail* tal-1 t'April 2014, a fol 269 u 270

i. jitfasslu *terms of reference* ċari dwar l-iskop u l-proċedura li għandhom josservaw dawn ir-rappreżentanti minn fejn għandu joħroġ car li l-iskop prinċipali tagħhom huwa li jħarsu s-sistema minn kull influwenza mhux xierqa fl-għażla tal-applikanti u li għalhekk issir ġustizzja u jitnaqqas kull abbuż, jew suspett ta' abbuż, u tiġi protetta r-reputazzjoni tal-MCAST;

ii. ir-rappreżentanti li jintgħażlu biex iservu f'din il-mansjoni għandhom l-ewwel igħaddu minn skrutinju għal dak li huma integrità, onestà u esperjenza;

iii. ir-rappreżentanti magħżula għandhom jinbidlu regolarment;

iv. li l-istess rappreżentanti jkunu meħtieġa jagħtu l-*iscore* tagħhom separatament mill-membri l-oħra tas-*Selection Board*, li jiffirmaw *Certificate of Compliance*, mhux biss dwar li ma għandhomx kunflitt ta' interess jew relazzjoni ta' konsagwinità ma' xi applikant u li l-proċedura hi konfidenzjali - kif jidher li diġa' jsir - imma wkoll li jaċċertaw li ġiet segwita proċedura korretta, minnhom u mill-oħrajn, fir-reklutaġġ u fis-*Selection Board*, u li fejn ikun hemm nuqqasijiet huma għandhom jikkomunikaw dwar dan mal-President tal-Bord tal-Gvernaturi / Principal, u jekk hemm bzonn mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru;

v. kull persuna li tkun fuq *Selection Board*, inkluż iżda mhux biss ir-rappreżentant tal-Ministeru, m'għandu jkellem lil ħadd, u lanqas jippermetti li jkellmu xi ħadd, dwar xi applikant u l-idonjetà tiegħu. Huwa għandu jiffirma *Certificate of Compliance* biex jikkonferma li ma giet eżercitata l-ebda influwenza mhux xierqa fuqu dwar kif għandu jagħmel dmirijietu fuq il-Bord ta' Selezzjoni.

vi. kull membru ta' *Interviewing Board* għandu jagħti l-punteġġ tiegħu fuq *score sheet* separata u ffirmata minnu;

vii. l-intervisti għandhom ikunu *voice recorded* u r-*recording* għandu jinżamm għal perjodu stabbilit. L-*iscore sheets* u r-*recording* għandhom jinżammu mill-HR u *scan copies* tagħhom għandhom ikunu arkivjati mill-*Librarian* tal-MCAST;

viii. m'għandu jattendi ħadd għall-*interview* ħlief il-membri tal-bord. Żgur mhix prattika tajba li l-*interviews* isiru fil-preżenza ta' min mhux membru tal-*Interviewing Board*. Mix-xhieda ta' diversi wħud, inkluż tal-istess Abdilla, jidher li anke meta Abdilla ma kienetx tkun membru ta' *Interviewing Board*, l-*interviews* "*kienu jagħmluhom fl-uffiċju tiegħi għax għandi boardroom table kbira u jien kont inkun hemm*", [110] pretest pwerili daqs kemm mhux aċċettabbli;

ix. fil-kaz fejn xi riżultat jidher li jkun vizzjat, il-materja għandha tiġi referuta lill-Principal. Biex ir-riżultat jiġi annullat għandu jkun hemm deċizjoni dwar dan mill-Bord tal-Gvernaturi li jeżamina l-*background* tal-każ u jieħu l-mizuri u d-deċizjonijiet xierqa. F'dan ir-rigward il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabilixxi proċeduri ċari f'każijiet bħal dawn qabel ma jinqala' xi każ simili ieħor.

[110] Ara transkrizzjoni tax-xhieda tal-24 ta' Settembru 2018, pagna 12

L. Konkluzjoni Ġenerali.

44. L-MCAST għandu importanza kbira ħafna fil-kamp tal-edukazzjoni terzjarja u vokazzjonali fil-pajjiż. Jirċievi 'l fuq minn sitt elef student *full-time* u erbat elef student ieħor *part-time* fil-programmi tiegħu kull sena. Għandu tliet kulleġġi, dak tal-*Foundation*, it-*Technical College* u l-*University College,* u joħroġ ċertifikati ta' diploma u ta' *degrees* rikonoxxuti. Jagħmel ħafna xogħol tajjeb fil-qasam tal-apprentistat f'kollaborazzjoni mal-industrija. Jimpjega 'l fuq minn tmien mitt impjegat fil-livelli akkademiċi u mhumiex. Il-pajjiż qed jagħmel investiment ta' għexieren ta' miljuni kbar biex titmexxa din l-istituzzjoni u anke fil-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' *campus* ġdid fl-MCAST ta' Kordin, Paola, fl-*Institute of Engineering and Transport*, fl-*Institute for ICT* u fl-MCAST *Resource Centre*. Għal dan is-sagrifiċċju kollu li jagħmel il-pajjiz u t-*taxpayers* tiegħu, is-soċjetà titlob serjetà u amministrazzjoni tajba u *value for money* mill-aqwa fil-preparazzjoni taż-żgħażagħ tagħna fil-kamp teknoloġiku, vokazzjonali u akkademiku.

Mingħajr preġudizzju għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi illi saru aktar qabel f'dan ir-Rapport dwar materji u aspetti partikolari, minn dan kollu li jirriżulta minn din l-Inkjesta u dan ir-Rapport, il-Membri tal-Bord jikkonkludu li huwa manifest illi din l-entità edukattiva terzjarja tant importanti għall-pajjiż għandha bżonn riforma amministrattiva biex tiżgura li dak li rrizulta minn dan ir-Rapport, u oħrajn simili diga' konklużi, inkluż dak tal-Pathway f'Mejju 2017, u ieħor li tiegħu kienu Ċermen u Membri wħud mill-istess membri ta' dan il-Bord odjern, [111] ma jirrepetux ruħhom. Hu evidenti li "*t-transformation*" tant imsemmija mill-President ta' qabel, Dr. Silvio De Bono, ma ġabitx ir-riżultati kollha mixtieqa. Għalhekk hu importanti li l-President il-ġdid u l-Bord tal-Gvernaturi li jassistuh, flimkien mal-Principal il-ġdid, jagħmlu l-għalmu kollu tagħhom biex issir ir-riforma meħtiega u hekk tiġi salvagwardjata r-reputazzjoni ta' din l-istituzzjoni edukattiva, jiġi żgurat l-aħjar aġir amministrattiv u li din l-istituzzjoni tirrendi lura l-aħjar rendiment edukattiv għall-investiment li qed isir fiha.

---

[111] Dak dwar abbuzi riskontrati fl-*ICT Institute*, Rapport tal-2013

Paul Bonello
Ċermen

Av. Phyllis Aquilina
Membru

Antoinette Caruana
Membru

Charles Sacco
Segretarju

Data: 5 ta' Marzu 2019